



Dokument ta' sessjoni

A9-0273/2023

22.9.2023

RAPPORT INTERIM

dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju
Pluriennali 2021-2027
(COM(2023)0337 – 2023/0201R(APP))

Kumitat għall-Baġits

Korapporteurs: Jan Olbrycht, Margarida Marques

WERREJ

	Pàgna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.....	21
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	25
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	32
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.....	36
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI	39
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI	41
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN....	44
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	47
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS- SESSI	50
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	53
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	54

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (COM(2023)0337 – 2023/0201R(APP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/2496 tal-15 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027², u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbuli bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan il-kuntest³ u d-dikjarazzjonijiet unilaterali relatati⁴,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁵ (l-“FII”),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2023)0337),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 bit-titolu “Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027” (COM(2023)0336) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjahha (SWD(2023)0336),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023)0338),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241

¹ ĠU L 325, 20.12.2022, p. 11.

² ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

³ ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 4.

⁴ Testi adottati, P9_TA(2020)0357.

⁵ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

(COM(2023)0335),

- wara li kkunsidra l-abbozz ta’ baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, adottat mill-Kummissjoni fil-5 ta’ Lulju 2023 (COM(2023)0300),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta’ kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni,⁶
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2020/2094 tal-14 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19⁷,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁸ (ir-“Regolament Finanzjarju”),
- wara li kkunsidra l-proposta tas-16 ta’ Mejju 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (COM(2022)0223),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Mejju 2023 dwar l-impatt fuq il-baġit tal-UE tal-2024 taż-żieda tal-kostijiet tat-teħid b’self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru⁹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti adattat għal sfidi ġodda¹⁰,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹¹,
- wara li kkunsidra l-artikolu 105(5) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-ittri mill-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

⁶ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

⁷ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23.

⁸ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁹ Testi adottati, P9_TA(2023)0194.

¹⁰ ĠU C 177, 17.5.2023, p. 115.

¹¹ [Daħħal ir-referenza: adozzjoni fil-plenarja tal-20-21 ta’ Settembru]

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9 XXXX),

Valutazzjoni ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni

1. Jilqa' l-fatt li, wara r-rieżami tagħha tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027, il-Kummissjoni waslet għall-istess konklużjoni bħal dik li wasal għaliha l-Parlament f'Diċembru 2022, jġigifieri li minn meta ntlaħaq qbil dwaru fl-2020, il-QFP ingħeleb minn avvenimenti f'dinja li nbidlet b'mod radikali, li l-flessibbiltà baġitarja ġiet eżawrita minn kriżijiet multipli u hemm bżonn ta' ħafna aktar sabiex ikun hemm rispons għal ċirkostanzi mhux previsti, li l-QFP fih problemi strutturali evidenzjati mill-iżviluppi ekonomiċi u soċjali u li, b'riżultat ta' dan, hija essenzjali reviżjoni urġenti tar-regolament dwar il-QFP u l-anness tiegħu;
2. Jissottolinja l-fatt li r-reviżjoni trid tiffoka fuq l-indirizzar tal-konsegwenzi multipli tal-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fuq it-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa u tas-sovranità tal-Unjoni u fuq l-għoti ta' flessibbiltà adegwata lill-Unjoni biex tirrispondi għall-kriżijiet; jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni mmirata bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba iżda jqis li livell oġhla iżda realistiku ta' ambizzjoni huwa neċessarju biex jiġi żgurat li l-QFP ikun jista' jindirizza aħjar l-isfidi strutturali fil-baġit u jkun aktar adatt għall-futur;
3. Iqis li r-reviżjoni proposta għandha fil-mira biss uħud mill-aktar oqsma urġenti ta' tħassib fil-qafas eżistenti u ma tindirizzax kompletament il-ħtiġijiet u l-isfidi kollha identifikati mill-Parlament;
4. Jistenna li l-Kummissjoni tkompli tevalwa bir-reqqa l-ħtiġijiet attwali u futuri kollha, inkluż fir-rigward tal-konverġenza soċjali u ekonomika, l-impatt fuq ir-regġuni l-aktar affettwati mill-gwerra u r-rispons meħtieġ għall-kriżi tal-klima u tal-bijodiversità; jissottolinja l-pressjoni tal-inflazzjoni madwar l-UE u b'mod partikolari fuq il-benefiċjarji tal-UE bħall-bdiewa, l-istudenti u t-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti l-pożizzjoni li ilu jħaddan il-Parlament biex iżżid l-isforzi tal-Unjoni lejn il-qerda tal-faqar fost it-tfal, b'mod partikolari permezz ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal imsaħħa bħala parti mill-QFP ta' wara l-2027;
5. Jilqa' l-fatt li, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament, il-proposta għal reviżjoni ma twassalx għal reviżjoni 'l isfel tal-pakketti nazzjonali allokatu minn qabel; jissottolinja r-rwol ċentrali u l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni bħala politika ta' investiment u strument ta' konverġenza essenzjali tal-Unjoni;
6. Ifakkar li, b'differenza mill-baġits nazzjonali, fejn l-inflazzjoni taffettwa l-valur nominali kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa, il-limiti massimi tal-infiq tal-QFP huma aġġustati abbażi ta' deflatur ta' 2 % applikat għall-prezzijiet tal-2018, filwaqt li l-limitu massimu tar-riżorsi proprji jaġġusta għall-inflazzjoni; huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li, skont il-Kummissjoni, l-inflazzjoni tista' tnaqqas il-valur f'termini reali tal-QFP b'EUR 74 biljun matul il-perjodu ta' seba' snin b'impatt dirett fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE;
7. Jissottolinja, madankollu, li, bħala riżultat ta' inflazzjoni għolja mhux mistennija, id-dħul mitlub mill-Istati Membri għall-infiq tal-QFP naqas bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING); jinnota, barra minn hekk, li r-ribassi għall-ħames Stati Membri

benefiċjarji huma marbuta mal-inflazzjoni u għalhekk żdiedu wkoll b'rata oġhla mill-limiti massimi tal-QFP, u b'hekk dan żid il-piż fuq l-Istati Membri l-oġra li kellhom jagħmlu tajjeb għad-defiċit; jitlob li bħala miżura immedjata r-rifużjonijiet jiġu aġġustati abbażi tad-deflatur ta' 2 %; Ifakkar, barra minn hekk, fil-pożizzjoni li ilu jħaddan li r-ribassi u mekkaniżmi ta' korrezzjoni oħra għandhom jiġu aboliti;

8. Jisħaq fuq il-fatt li, minbarra t-tnaqqis tal-valur f'termini reali tal-QFP, l-inflazzjoni wasslet ukoll għal żieda sostanzjali fir-rati tal-imġax, li żiedet il-kostijiet tas-self tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-ripagament tad-dejn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI), u għalhekk kompliet tnaqqas il-baġit;
9. Jenfasizza li, anke meta titqies il-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-QFP, l-appropriazzjonijiet ta' impenn totali jammontaw biss għal 1,03 % tal-ING u l-appropriazzjonijiet ta' pagament totali jammontaw għal 1,02 % biss tal-ING; ifakkar li, oriġinarjament, l-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-QFP attwali kienu ppjanati li jammontaw għal 1,10 % tal-ING; jisħaq li t-tiżni propost mill-Kummissjoni mhuwiex previst li jkopri l-impatt tal-inflazzjoni;
10. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li r-reviżjoni proposta se tirrikjedi żieda fil-limitu massimu għall-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2026 u fl-2027; jisħaq fuq il-fatt li l-kredibbiltà tal-Unjoni tiddependi mill-iżgurar li jkun hemm appropriazzjonijiet ta' pagament adegwati biex ikopru l-appropriazzjonijiet ta' impenn; jenfasizza d-dewmien fl-implimentazzjoni ta' ċerti programmi minħabba l-adozzjoni tardiva tagħhom u t-tfixkil tal-proġetti minħabba l-kriżi tal-COVID-19; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-riskju ta' arretrati ta' pagamenti fis-snin ta' wara tal-perjodu tal-QFP u għall-QFP sussegwenti; jinsisti, għalhekk, fuq il-ħtieġa li jitneħħa l-limitu massimu annwali fl-appropriazzjonijiet ta' pagament għal rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku sabiex jittaffa dan ir-riskju;
11. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-prinċipji orizzontali dwar il-klima, il-bijodiversità u l-ugwaljanza bejn is-sessi li jirfdu l-QFP u l-politiki kollha relatati tal-UE; ifakkar li l-miri relatati mal-klima u mal-bijodiversità kif ukoll l-obbligu li jiġi rispettati il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma stipulati fil-FII u jinsisti li dawn id-dispożizzjonijiet iridu wkoll ikunu fil-bażi tal-QFP aġġornat; jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-FII u tiegħu azzjoni konkreta biex tiżgura li jintlaħqu l-miri u l-oġettivi ta' politika miftiehma;
12. Ifakkar li l-infiq taħt l-Intestatura 7 għandu jkun stabbilit f'livell li jggarantixxi li l-UE jkollha amministrazzjoni effettiva u effiċjenti, kif propost mill-Kummissjoni;
13. Itenni l-fehma tiegħu li sal-1 ta' Jannar 2024 irid jiġi stabbilit QFP rivedut u għandmu jipprova qafas għall-baġit tal-2024; jinsisti, għalhekk, fuq il-ħtieġa ta' adozzjoni b'ħeffa tar-regolament emendat; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-Kummissjoni tat widen għall-appell tal-Parlament biex imexxi 'l quddiem ir-rieżami u r-reviżjoni tiegħu tal-QFP;
14. Itenni t-talbiet li ilu jagħmel li l-istrumenti baġitarji kollha li jkopru l-infiq fil-livell tal-Unjoni jiġu inkorporati bis-siġħ fil-baġit, u b'hekk jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, il-kontroll demokratiku siġħ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinsisti li l-integrazzjoni ta' dawn l-istrumenti fil-baġit tal-UE ma għandhiex

tirriżulta fi tnaqqis tal-finanzjament tal-politiki u tal-programmi l-oħra tal-UE;

15. Jenfasizza l-fatt li hemm rabta ċara bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-UE; jilqa' l-impatt pożittiv tar-Regolament fuq reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u jemmen li diġà aġixxa bħala deterrent effettiv kontra l-ksur tal-istat tad-dritt; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha skont ir-Regolament li tiżgura li r-riċevituri jew il-benefiċjarji finali tal-fondi tal-UE ma jiġux imċaħħda mill-fondi li huma dovuti lilhom, b'mod partikolari meta jiġu adottati miżuri fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt f'konformità mar-Regolament;
16. Jinsab lest li jimpenja ruħu b'mod attiv u kostruttiv mal-Kunsill u mal-Kummissjoni biex jiżgura li l-qafas rivedut, li jindirizza l-proposta kollha tal-Kummissjoni, jiġi adottat fi żmien xieraq u jidħol fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2024; ifakkar li, fl-FII, l-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jiddeterminaw arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni u d-djalogu matul il-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' revizzjoni sostanzjali tal-QFP;

Appoġġ fit-tul għall-Ukrajna

17. Ifakkar li l-Unjoni u l-poplu tagħha kienu fuq quddiem nett fl-appoġġ lill-Ukrajna mill-bidu nett tal-gwerra, u wrew solidarjetà mal-Ukreni fil-ġlieda tagħhom biex jiddefendu d-demokrazija kontra l-awtoritarjaniżmu; jisħaq fuq il-fatt li sal-lum il-baġit tal-UE pprova aktar minn EUR 30 biljun f'assistenza finanzjarja; itenni l-fehma tiegħu li l-Unjoni jeħtiġilha tkun fil-qalba tal-isforzi kontinwi biex tappoġġa lill-Ukrajna mill-aspett finanzjarju u tgħinha fit-triq tagħha lejn is-sħubija fl-UE;
18. Jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal soluzzjoni strutturali fit-tul għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna ankrata fil-baġit tal-UE, li tkopri l-appoġġ għall-istabbiltà makrofinanzjarja, qafas ta' investiment u fondi għall-irkupru fuq terminu qasir u medju, għar-riformi relatati mal-adeżjoni u għall-bini tal-kapaċitajiet amministrattivi; iqis li tali strument fit-tul huwa l-uniku mod vijabbli biex jiġu involuti donaturi oħra u jiġi żgurat inqas effettiv u mmirat li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Ukrajna u tal-poplu tagħha; jinsisti li għandu jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun dwar il-Faċilità għall-Ukrajna, wara l-adozzjoni tar-Regolament rivedut dwar il-QFP, peress li l-finanzjament fl-ambitu tar-Regolament MFA⁺¹² huwa previst għall-2023 biss;
19. Iqis li huwa raġonevoli li jinbena ċertu grad ta' flessibilità fil-Faċilità, minħabba l-inċertezzi dwar marbuta mas-sitwazzjoni tal-Ukrajna; jilqa' l-fatt li, skont il-proposta tal-Kummissjoni, ir-riżerva tal-Ukrajna għandha tiġi mmobilizzata mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali u huwa deċiż li jiżgura li l-Parlament, bħala waħda mill-fergħat tal-awtorità baġitarja, ikollu r-rwol sħiħ tiegħu fil-proċess; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi, fi żmien xieraq, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-awtorità baġitarja tkun tista' twettaq dmirijietha;
20. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti l-istat tad-dritt u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li

¹² Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +), ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1.

jigū pprevenuti, identifikati u kkoreġuti l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-irregolaritajiet fl-użu tal-fondi tal-Unjoni fl-Ukrajna, li għandhom ikunu bażat fuq il-prinċipji ta' trasparenza u responsabbiltà; iqis li l-Faċilità għandu jkun fiha dispożizzjonijiet u salvagwardji stretti biex jintlaħqu dawk l-oġettivi;

Il-migrazzjoni u l-isfidi esterni

21. Jiddeplora l-fatt li, anke qabel il-gwerra kontra l-Ukrajna, il-fondi disponibbli taħt l-Intestatura 6 (il-viceinat u d-dinja) kienu inadegwati ħafna u li l-QFP ma kkunsidrax l-finanzjament kontinwu għall-ħtiġijiet tar-rifuġjati mis-Sirja, mill-Iraq u minn pajjiżi oħra, u dan ma ħalla kważi l-ebda marġini biex jigū indirizzati l-isfidi addizzjonali;
22. Jisħaq fuq il-fatt li, b'mod partikolari wara l-gwerra ta' agressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kuntest internazzjonali mar għall-agħar malajr bħala riżultat tal-kriżijiet tal-ikel, tal-enerġija, tal-klima u dik ekonomika, li żiedu b'mod drammatiku l-pressjoni fuq l-Intestatura 6; jinnota li, minbarra r-rikors ripetut għall-Istrument ta' Flessibbiltà, il-protezzjoni tal-Istrument ta' Viceinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)-Ewropa Globali naqset malajr ħafna u ntużat lil hinn mill-iskop ewlieni tagħha li twieġeb għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, filwaqt li l-baġit għall-għajnuna umanitarja bbaża ħafna fuq il-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) li hija taħt pressjoni kbira u li l-ambitu tagħha jestendi lil hinn mill-għajnuna umanitarja;
23. Jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdied il-limitu massimu għall-Intestatura 6 f'konformità mal-appell tal-Parlament, għalkemm jesprimi dispaċir għall-fatt li r-riżorsi addizzjonali ma jkoprux bis-sħiħ il-ħtiġijiet reali jew jieħdu inkunsiderazzjoni żviluppi mhux prevedibbli; jissottolinja li tisħiħ ulterjuri ta' EUR 1 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni huwa essenzjali biex terġa' timtela l-protezzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali u b'hekk tinħoloq kapaċità li tirispondi għall-kriżijiet u għall-ħtiġijiet emerġenti; jisħaq li ż-żieda tiżgura għajnuna umanitarja kontinwa lill-Ukrajna flimkien mal-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità, kif ukoll lill-pajjiżi ġirien, bħall-Moldova li hija affettwata ħafna mill-gwerra kontra l-Ukrajna, u madwar id-dinja; jisħaq li l-bilanċ intern u d-distribuzzjoni bejn il-linji baġitarji kif previsti fir-Regolament tal-NDICI jridu jigū rrispettati; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-konformità tal-pajjiżi terzi ma' standards stretti tad-drittijiet tal-bniedem fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-politika esterna tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-migrazzjoni;
24. Jissottolinja li l-gwerra ta' agressjoni tal-Russja kontra l-Ukrajna, flimkien ma' żieda fil-ġuħ u l-faqar globali, il-proliferazzjoni ta' kunflitti armati u diżastri naturali aktar intensi u frekwenti, qed iġiegħlu lil miljuni ta' persuni jaħarbu minn djarhom u jfittxu protezzjoni fl-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri ospitanti għall-akkoljenza, is-sistemazzjoni u l-integrazzjoni tar-rifuġjati;
25. Jisħaq li l-ġestjoni u l-protezzjoni effettivi u ġusti tal-fruntieri esterni tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-Unjoni, flimkien mal-implimentazzjoni bla xkiel u effiċjenti tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil, huma prijoritajiet ewlenin u essenzjali biex jiġi ppreżervat il-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni u l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi implimentata politika dwar il-

migrazzjoni u l-ażil li tkun ibbażata fuq is-solidarjetà, ir-responsabbiltà kondiviża u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li tipprovdi ċertezza, ċarezza u kundizzjonijiet deċenti u dinjitużi għall-persuni li jaslu fl-UE, f'konformità mal-valuri tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali;

26. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-implimentazzjoni tal-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil se tirrikjedi EUR 2 biljun addizzjonali bejn l-2025 u l-2027 taħt l-Intestatura 4 (il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri); iqis li r-rikjesti addizzjonali mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi u l-aġenziji deċentralizzati fl-Intestatura 4 jirrikjedu tisħiħ ulterjuri oltre l-proposta tal-Kummissjoni ta' EUR 1 biljun fi prezzijiet attwali u li r-riżorsi addizzjonali għandhom ikunu disponibbli mill-2024;
27. Ifakkar li t-tqassim preċiż tal-fondi addizzjonali bejn il-programmi u l-linji baġitarji taħt l-Intestaturi 4 u 6 għandu jiġi ddeterminat mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali;

Il-pjattaforma għat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

28. Jafferma mill-ġdid il-hteġa li tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE u tingħata spinta lill-investimenti madwar l-Unjoni, f'setturi strateġiċi ewlenin, inklużi, fost l-oħrajn, is-saħħa, il-materja prima u l-ispazju, filwaqt li jiġu xprunati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma rrispettatx l-impenn tagħha skont il-programm ta' ħidma għall-2023 li "jitħeġġeġ il-ħolqien ta' Fond Ewropew ġdid għas-Sovranità"; jemmen li l-istrateġija industrijali tal-Unjoni għandha tiżgura il-funzjonament korrett tas-suq uniku, tevita distorsjonijiet tas-suq, toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti fl-UE u barra mill-UE u tiżgura li n-nies ikollhom il-ħiliet neċessarji;
29. Jirrikonoxxi li, minkejja d-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni limitati tagħha, il-proposta STEP għandha l-potenzjal li tagħti riżultati aktar malajr billi tuża l-istrutturi tal-programmi eżistenti u tfittex li toħloq sinerġiji; iqis li l-proposta STEP għandha taġixxi bħala pjattaforma ta' ttestjar għal Fond għas-Sovranità komprensiv fil-perjodu tal-QFP li jmiss;
30. Jinnota li l-proposta STEP tikkombina r-riprijoritizzazzjoni tal-fondi taħt programmi eżistenti, inklużi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'rinforzi mmirati għal programmi speċifiċi taħt l-Intestaturi 1 (is-suq uniku, innovazzjoni u diġitali), 3 (ir-riżorsi naturali u l-ambjent) u 5 (is-sigurtà u d-difiża);
31. Jissottolinja li, sabiex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi għall-STEP, tissaħħaħ u tissawwar il-politika industrijali tal-Unjoni, jiġi promoss is-sostenn għas-settur tad-difiża, li qatt ma kien daqshekk kruċjali biex jiġu protetti s-sovranità u l-integrità tal-Istati Membri tal-UE f'xenarju tal-politika tad-difiża li nbidel b'mod drammatiku u ferm aktar kumpless, u biex tinbena l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, il-finanzjament għall-STEP għandu jiddied, b'tisħiħ ulterjuri ta' EUR 2 biljun fil-prezzijiet attwali lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni fl-Intestatura 1 u ta' EUR 1 biljun fil-prezzijiet attwali lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni fl-Intestatura 5;

32. Jissottolinja li riallokazzjonijiet sinifikanti ġew implimentati mill-2021 fl-intestaturi kollha, u b'hekk il-programmi tqiegħdu taħt pressjoni kbira u f'riskju ta' tfixkil; ifakkar fil-pożizzjoni li ilu jħaddan li prijoritajiet ġodda jridu jiġu ffinanzjati b'fondi ġodda, pjutost milli permezz ta' riallokazzjonijiet rikorrenti, u jinsisti għalhekk fuq il-ħtieġa ta' fondi ġodda addizzjonali biex jiġi żgurat it-twertiq effettiv ta' programmi oħra taħt l-Intestatura 1;
33. Itenni l-fehma tiegħu li l-approprijazzjonijiet ta' diżimpenn għandhom jibqgħu fil-baġit u jkunu impenjati mill-awtorità baġitarja permezz tal-proċedura baġitarja annwali u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju f'dak ir-rigward; jilqa', għalhekk, il-fatt li l-proposta STEP tassumi l-użu mill-ġdid ta' EUR 1,2 biljun f'impenji ta' riċerka skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju u li l-Kummissjoni b'hekk tirrikonoxxi b'mod impliċitu l-ineżattezza tal-istima tagħha għad-dekummissjonar tar-riċerka li tinfed il-ftehim tal-QFP tal-2020;
34. Ifakkar fit-talba li ilu jagħmel li l-istrumenti kollha tal-infiq tal-UE għandhom jiġu inkorporati fil-baġit, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-unità baġitarja; iqis, f'dak ir-rigward, li l-allokazzjoni proposta għall-Fond għall-Innovazzjoni taħt l-Intestatura 3 tirrapreżenta progress importanti lejn il-ibbaġitjar sħiħ tiegħu;

Kostijiet tas-self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)

35. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-ammont programmat fil-QFP biex jitħallsu lura l-kostijiet tas-self assoċjati mal-EURI huwa ferm inqas mir-rekwiżiti, u l-Kummissjoni tistma d-defiċit bejn EUR 17-il biljun u 27 biljun matul il-perjodu tal-QFP; jenfasizza li, diġà fl-abbozz ta' baġit, iż-żieda fil-kostijiet tal-EURI hija mistennija li tikkonsma r-riżorsi kollha fl-ambitu tal-Istrument ta' Flessibbiltà u madwar terz tar-riżorsi fl-ambitu tal-kompartiment (a) tal-Istrument ta' Marġini Uniku fl-2024;
36. Jenfasizza li r-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu b'mod qawwi mill-gwerra ta' aġressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna żiedu n-nuqqasijiet strutturali inerenti fl-arkitettura tar-ripagament tad-dejn tal-baġit tal-UE; ifakkar li l-kostijiet tal-imgħax u r-ripagament tad-dejn jiddependu mill-iżviluppi tas-suq, mhumiex infiq diskrezzjonarju u għalhekk ma jistgħux ikunu soġġetti għal limitu massimu tal-infiq taħt limitu massimu tal-QFP mingħajr ma jippreżentaw riskju dirett għall-programmi ta' investiment u l-benefiċjarji tagħhom u l-kapaċità tal-baġit li jwieġeb għall-ħtiġijiet emerġenti;
37. Ifakkar li l-Parlament appella ripetutament għal soluzzjoni għal din il-problema u insista li l-kostijiet ta' ripagament tal-EURI jitqiegħdu 'l fuq mil-limiti massimi tal-QFP;
38. Jilqa' l-ħolqien tal-Istrument EURI bħala strument speċjali li jmur oltre l-limiti massimi tal-QFP li għandu jiġi mmobilizzat kif meħtieġ abbażi tal-ħtiġijiet reali ta' ripagament; jinsisti, madankollu, li l-Istrument ikopri l-kostijiet kollha ta' ripagament tal-EURI, mhux biss dawk 'il fuq mill-ammont programmat taħt l-Intestatura 2b (reżiljenza u valuri); jissottolinja li l-Istrument EURI mfassal b'dan il-mod għandu jkun il-mudell għall-ġestjoni tal-kostijiet kollha ta' ripagament tal-EURI fil-QFP li jmiss;
39. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovdi lill-awtorità baġitarja b'informazzjoni f'waqtha u dettaljata dwar il-kalkoli li fuqhom huma bbażati l-previżjonijiet għall-kostijiet tas-self tal-EURI, inklużi s-suppożizzjonijiet u l-parametri użati, sabiex tkun

tista' ssir għestjoni responsabbli tal-kostijiet ta' ripagament;

40. Jirrimarka dwar il-ħtieġa ta' sett aktar varjat u reżiljenti ta' sorsi ta' dħul għall-baġit tal-UE sabiex jiġi pprovdut finanzjament robust u sostenibbli għal QFP imsaħħaħ u estiż; iħeġġeġ lill-Kunsill, għalhekk, japprova malajr il-proposti eżistenti dwar ir-riżorsi proprji ġodda u jissottolinja li huwa meħtieġ progress għal dak li jikkonċerna riżorsi proprji ġodda lil hinn minn dawn il-proposti;

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-baġit biex jirreaġixxi għal kriżijiet u ħtiġijiet emerġenti

41. Jirrimarka li l-mudell propost għall-għestjoni tal-kostijiet ta' ripagament tal-EURI jkollu l-effett li jirrestawra l-ispazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku mill-2024 sal-2027 skont il-programmazzjoni finanzjarja inizjali tal-QFP;
42. Jissottolinja, madankollu, li l-QFP fih ftit wisq flessibbiltà, bl-Istrument ta' Flessibbiltà u l-marginjiet mhux allokat li jammontaw biss għal 1,05 % tal-limitu massimu tal-impenji; jisħaq fuq il-fatt li l-QFP attwali kien dipendenti ħafna fuq dik il-flessibbiltà limitata u sfortunatament irrikorra għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-politika ta' koeżjoni, li mhijiex għodda ta' rispons għall-kriżijiet iżda li ġiet użata ripetutament biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fil-flessibbiltà baġitarja jew fil-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet fil-QFP għad-detriment tal-oġettivi ta' politika fit-tul tagħha;
43. Jissottolinja, barra minn hekk, iż-żieda fil-ħtiġijiet mill-bidu tal-QFP, fl-ambitu tal-għajjnuna umanitarja u r-rispons għal emerġenzi ġewwa u barra l-Unjoni u tal-appoġġ fir-rigward tad-diżastri naturali, li qed isiru aktar frekwenti u intensivi b'mod partikolari minħabba t-tibdil fil-klima, u jqis li dawn il-ħtiġijiet x'aktarx li jikbru; jisħaq fuq il-fatt li fl-2021 u fl-2022 l-allokkazzjoni annwali għall-SEAR ġiet eżawrita u fl-2023 hija mistennija li tintuża bis-sħiħ; jiddeplora l-fatt li l-benefiċjarji tal-għajjnuna fl-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, f'xi każijiet, irċevew inqas minn 50 % tal-għajjnuna li normalment kienu jirċievu u kellhom jistennew żmien twil għall-iżborż minħabba l-limitazzjonijiet tal-SEAR;
44. Iqis, f'dan ir-rigward, li l-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdied l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-SEAR hija pass fid-direzzjoni t-tajba; jinsisti, madankollu, li l-baġit tal-UE jrid ikun mgħammar bil-flessibbiltà u l-“ispazju” baġitarju meħtieġa biex ikun jista' jirreaġixxi għall-kriżijiet u jadatta għall-ħtiġijiet emerġenti u li qed jikbru;
45. Ifakkar fit-talbiet tiegħu għal żieda fl-Istrument ta' Flessibbiltà u fl-SEAR u għal strument speċjali permanenti addizzjonali oltre l-limiti massimi tal-QFP li jippermetti lill-baġit tal-UE jadatta aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u l-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; jifhem li, fin-nuqqas ta' strument bħal dan, se jibqa' diffiċli għall-Unjoni li tiżgura t-tnejn tagħha għal avvenimenti mhux previsti, speċjalment peress li, bħalissa, 99,6 % tal-baġit tal-Unjoni huwa allokat minn qabel; jinsab lest li jaħdem biex isib soluzzjonijiet prammatiċi fuq perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li jirrifletti fuq soluzzjoni aktar strutturali u simplifikata fil-QFP li jmiss;
46. Jissottolinja li l-flessibbiltà baġitarja wriet li tippermetti li r-riżorsi jkunu mmirati fejn ikunu meħtieġa u li l-Unjoni tirrispondi għal avvenimenti mhux previsti u taġġusta l-prijoritajiet tal-infiq tagħha fid-dawl tal-ħtiġijiet politiċi, ekonomiċi jew soċjali li qed jevolvu; jinsisti, għalhekk, li l-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied b'EUR 3 biljun

fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni għall-perjodu tal-QFP; iqis, barra minn hekk, li l-ammonti li skadew taħt il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom jergħu jsiru disponibbli taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà sabiex tissaħħaħ aktar il-flessibbiltà fil-baġit;

47. Jinnota li t-talbiet fuq l-SEAR probabbilment mhux se jonqsu; iqis, għalhekk, li t-tisħiħ tal-SEAR huwa kruċjali biex jippermetti lill-Unjoni taġixxi f' sitwazzjonijiet ta' emerġenza kkawżati minn diżastri naturali kbar jew kriżijiet tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tal-adeżjoni u anke biex tappoġġja lil pajjiżi mhux tal-UE li qed ibatu minn kunflitti, kriżijiet tar-rifuġjati jew diżastri naturali; jinsisti, għalhekk, li l-SEAR għandha tiżdied b'EUR 2 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni għall-perjodu tal-QFP; jiddispaċiħ, madankollu, dwar id-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza (EAR) u l-FSUE (Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea) jingħaqdu flimkien fil-QFP attwali, deċiżjoni li wasslet għal nuqqasijiet serji fl-implimentazzjoni u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu li s-SEAR għandha tinqasam mill-ġdid f'żewġ fergħat – l-EAR u l-FSUE;

Rakkomandazzjonijiet u modifiki

48. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet u l-modifiki li ġejjin:
- (i) il-limitu massimu tal-Intestatura 1 għandu jiżdied b'EUR 2 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni;
 - (ii) il-limitu massimu tal-Intestatura 4 għandu jiżdied b'EUR 1 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni u ż-żieda tiġi applikata għall-intestatura mill-2024;
 - (iii) il-limitu massimu tal-Intestatura 5 għandu jiżdied b'EUR 1 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni;
 - (iv) il-limitu massimu tal-Intestatura 6 għandu jiżdied b'EUR 1 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni;
 - (v) l-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied b'EUR 3 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni, u tagħmel l-ammonti li skadew taħt il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni disponibbli mill-ġdid taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà;
 - (vi) ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza għandha tiżdied b'EUR 2 biljun fi prezzijiet attwali oltre l-proposta tal-Kummissjoni;
 - (vii) jiġi previst li l-Istrument EURI, stabbilit bħala strument speċjali oltre l-limiti massimi tal-QFP, ikopri l-kostijiet kollha ta' ripagament tal-EURI;
 - (viii) jitħassar il-limitu massimu annwali fl-appropriazzjonijiet ta' pagament għal rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku;
 - (ix) Il-proposta għal regolament tal-Kunsill għandha tiġi modifikata kif ġej:

Modifika 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Jenħtieġ li l-baġit tal-UE jippermetti lill-Unjoni ttiprovdi r-risponsi ta' politika meħtieġa għall-isfidi emerġenti u tissodisfa l-obbligi legali li ma jistgħux jiġu akkomodati fil-limiti massimi eżistenti u lanqas permezz ta' flessibbiltà eżawrita. Għalhekk, il-limiti massimi tan-nefqa f'approprjazzjonijiet għall-impenji għall-Intestaturi 1, 3, 5, 6, u 7 inkluż is-sublimitu għan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet għas-snin 2024, **2025, 2026 u 2027, u l-limitu massimu għall-Intestatura 4 għas-snin** 2025, 2026 u 2027 jenħtieġ li jiżdiedu. B'risultat ta' dan, il-limiti massimi tan-nefqa f'approprjazzjonijiet ta' pagament għas-snin 2026 u 2027 jenħtieġ li jiżdiedu.

Modifika 2

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Minħabba l-inċertezza madwar l-evoluzzjoni futura tar-rati tal-imgħax u sabiex jiġu evitati pressjonijiet bla bżonn fuq il-programmi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi stabbilit strument speċjali tematiku ġdid biex ikopri l-kostijiet għall-finanzjament kollha tas-self tan-NextGenerationEU **li jaqbżu l-ammonti inizjalment ipprogrammati**. Jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni jkunu disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

Modifika

(4) Jenħtieġ li l-baġit tal-UE jippermetti lill-Unjoni ttiprovdi r-risponsi ta' politika meħtieġa għall-isfidi emerġenti u tissodisfa l-obbligi legali li ma jistgħux jiġu akkomodati fil-limiti massimi eżistenti u lanqas permezz ta' flessibbiltà eżawrita. Għalhekk, il-limiti massimi tan-nefqa f'approprjazzjonijiet għall-impenji għall-Intestaturi 1, 3, **4**, 5, 6, u 7 inkluż is-sublimitu għan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet għas-snin 2024, 2025, 2026 u 2027 jenħtieġ li jiżdiedu. B'risultat ta' dan, il-limiti massimi tan-nefqa f'approprjazzjonijiet ta' pagament għas-snin 2026 u 2027 jenħtieġ li jiżdiedu.

Modifika

(11) Minħabba l-inċertezza madwar l-evoluzzjoni futura tar-rati tal-imgħax u sabiex jiġu evitati pressjonijiet bla bżonn fuq il-programmi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi stabbilit strument speċjali tematiku ġdid biex ikopri l-kostijiet għall-finanzjament kollha tas-self tan-NextGenerationEU. Jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni jkunu disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP;

Modifika 3

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Solidarjeta' u Għajnuna ta' Emerġenza u l-Istrument ta' Flessibbiltà jissaħħu sabiex tinżamm biżejjed kapaċità biex l-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti sal-2027.

Modifika

(12) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Solidarjeta' u Għajnuna ta' Emerġenza u l-Istrument ta' Flessibbiltà jissaħħu sabiex tinżamm biżejjed kapaċità biex l-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti sal-2027. ***Sabiex tissaħħaħ aktar il-flessibbiltà fil-baġit, huwa xieraq li l-ammonti li skadew taħt il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni jerġgħu jsiru disponibbli taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà;***

Modifika 4

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Modifika

(12a) Minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni ta' ċerti programmi fis-snin bikrin tal-QFP 2021-2027, inkluż fil-programmi ewlenin, hemm riskju ta' arretrati ta' pagamenti fl-aħħar snin tal-QFP meta l-implimentazzjoni taqbad ir-ritmu. Sabiex jittaffa dan ir-riskju u jiġu rispettati l-impenji tal-UE, jenħtieġ li jitneħħa l-limitu annwali fl-appropriazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku.

Modifika 5

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Modifika

(2) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa

(2) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa

sostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza ma għandhiex taqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 1 739 miljun (fi prezzijiet tal-2018). Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.”;

Modifika 6

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 10a

Strument EURI

1. L-istrument EURI ***jista' jintuża biex jiffinanzja l-kostijiet addizzjonali meta, f'sena partikolari, il-kostijiet*** tal-imgħax u tal-pagamenti ta' kupuni dovuti fir-rigward tal-fondi mislufa fuq is-swieq kapitali f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 ***jaqbz u l-ammonti li ġejjin (fi prezzijiet tal-2018):***

- 2024 – EUR 1 840 miljun,
- 2025 – EUR 2 332 miljun,
- 2026 – EUR 3 196 miljun,
- 2027 – EUR 4 168 miljun,

2. ***L-Istrument ta' Flessibilità jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.***”;

“Artikolu 10b

sostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza ma għandhiex taqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 2 170 miljun (fi prezzijiet tal-2018). Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.”;

Modifika

(3) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 10a

Strument EURI

1. L-istrument EURI ***għandu jiġi mmobilizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE biex jiffinanzja l-kostijiet*** tal-imgħax u tal-pagamenti ta' kupuni dovuti fir-rigward tal-fondi mislufa fuq is-swieq kapitali f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.”;

“Artikolu 10b

Riżerva għall-Ukrajna

1. Ir-riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mmobilizzata għall-iskop uniku ta'

Riżerva għall-Ukrajna

1. Ir-riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mmobilizzata għall-iskop uniku ta' finanzjament tan-nefqa skont [ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna] u għandu jkollha l-għan li tipprovdi mill-inqas EUR 2 500 miljun fi prezzijiet attwali bħala ammont indikattiv annwali.
2. Ir-riżerva għall-Ukrajna ma għandhiex taqbeż l-ammont ta' EUR 50 000 miljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu mill-2024 sal-2027. L-ammont annwali mobilizzat taħt ir-Riżerva għall-Ukrajna f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR 16 700 miljun fi prezzijiet attwali.
3. Ir-Riżerva għall-Ukrajna **tista'** tiġi mobilizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.”;

finanzjament tan-nefqa skont [ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna] u għandu jkollha l-għan li tipprovdi mill-inqas EUR 2 500 miljun fi prezzijiet attwali bħala ammont indikattiv annwali.

2. Ir-riżerva għall-Ukrajna ma għandhiex taqbeż l-ammont ta' EUR 50 000 miljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu mill-2024 sal-2027. L-ammont annwali mobilizzat taħt ir-Riżerva għall-Ukrajna f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR 16 700 miljun fi prezzijiet attwali.

3. Ir-Riżerva għall-Ukrajna **għandha** tiġi mobilizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.”;

Modifika 7

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Modifika

(3a) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istrument ta' Marġini Uniku għandu jinkludi:

(a) mill-2022, ammonti li jikkorrispondu għal marġnijiet li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-appoprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena n-1, li għandhom isiru disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-appoprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin mill-2022 sal-2027;

(b) mill-2022, ammonti ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti mwettqa u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1, biex jiġi aġġustat 'il fuq il-limitu massimu tal-pagamenti għas-snin mill-2022

sal-2027; kif ukoll

(c) ammonti addizzjonali li jistgħu jsiru disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP f'sena partikolari għal approprjazzjonijiet ta' impenn jew ta' pagament, jew it-tnejn li huma, skont il-każ, dment li jiġu kkumpensati kollha mal-marġnijiet f'intestatura waħda jew aktar tal-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew is-snin finanzjarji futuri fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u jiġu kkumpensati kollha mal-marġnijiet taħt il-limitu massimu tal-pagamenti għas-snin finanzjarji futuri fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Kwalunkwe aġġustament 'il fuq taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkumpensat kompletament bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti għas-sena n-1.

L-ammonti jistgħu jiġu mobilizzati biss taħt il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu jekk l-ammonti disponibbli skont il-punti (a) u (b) ta' dak is-subparagrafu, skont kif ikun applikabbli, ma jkunux suffiċjenti, u fi kwalunkwe każ bħala l-aħħar soluzzjoni bħala rispons għal ċirkostanzi mhux previsti.

Rikors għall-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ma għandux jirriżulta f'sitwazzjoni fejn jinqabżu l-ammonti totali tal-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena finanzjarja attwali u s-snin finanzjarji futuri. Għalhekk, kwalunkwe ammont ikkumpensat f'konformità ma' dak il-punt ma għandux jiġi mobbilizzat aktar fil-kuntest tal-QFP.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

Modifika 8

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jintuża għall-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari, ta' nefqa speċifika mhux prevista f'appropriazzjonijiet ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu magħhom li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda oħra jew aktar. Il-limitu massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jkun ta' EUR **1 562** miljun (fi prezzijiet tal-2018).”;

Modifika

(4) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jintuża għall-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari, ta' nefqa speċifika mhux prevista f'appropriazzjonijiet ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu magħhom li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda oħra jew aktar. Il-limitu massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jkun ta' EUR **2 170** miljun (fi prezzijiet tal-2018). ***Kull sena, l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied b'ammonti ekwivalenti għall-poryjoni tal-ammont annwali għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament li skadiet fis-sena preċedenti.***”;

Modifika 9

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-Anness I huwa sostitwit ***bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.***

Modifika

(5) L-Anness I huwa sostitwit ***b'dan li ġej:***

ANNEX I
QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (EU-27)

APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
1. Is-Suq Uniku, l-Innovazzjoni u d-Diġitali	19 712	20 211	19 678	20 399	19 715	19 821	19 624	139 160
2. Il-Koeżjoni, ir-Reżiljenza u l-Valuri	5 996	62 642	63 525	65 079	65 286	56 787	58 809	378 124
2a. Il-Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	1 666	56 673	57 005	57 436	57 874	48 414	49 066	328 134
2b. Ir-Reżiljenza u l-Valuri	4 330	5 969	6 520	7 643	7 412	8 373	9 743	49 990
3. Ir-Riżorsi naturali u l-Ambjent	53 562	52 626	51 893	52 123	51 195	49 999	49 207	360 605
Li minnhom: Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	38 040	37 544	36 857	36 054	35 401	34 729	34 015	252 640
4. Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri	1 687	3 104	3 454	3 791	4 302	4 359	4 910	25 607
5. Is-Sigurtà u d-Difiża	1 598	1 750	1 762	2 334	2 497	2 611	2 785	15 337
6. Il-Viċinat u d-Dinja	15 309	15 522	14 789	16 609	15 827	15 046	15 235	108 337
7. L-Amministrazzjoni pubblika Ewropea	10 021	10 215	10 342	10 586	10 887	11 229	11 443	74 723
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 742	7 878	7 945	8 107	8 310	8 541	8 660	57 183
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	107 885	166 070	165 443	170 921	169 709	159 852	162 014	1 101 894
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIET TA' PAGAMENT	154 065	153 850	152 682	151 436	151 175	159 978	155 025	1 078 211'

(f'miljuni ta' EUR - prezzijiet tal-2018)

◦

◦ ◦

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

8.9.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar ir-rapport interim dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (2023/0201R(APP))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Iżvilupp ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp ikkunsidra l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Awwissu 2023. Matul din il-laqgħa¹, iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Tomas Tobé

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Tomas Tobé (President), Pierrette Herzberger-Fofana (Viċi President), Stéphane Bijoux (Viċi President), Erik Marquardt (Viċi President), Charles Goerens (rapporteur għal opinjoni), Barry Andrews, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Christophe Clergeau, Ryszard Czarnecki, Ilan De Basso, Rosa Estaràs Ferragut, Mónica Silvana González, Beata Kempa, Karsten Lucke, Aušra Maldeikienė (għall-PPE skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura), Michèle Rivasi, Miguel Urbán Crespo, Pernille Weiss (għall-PPE skont l-Artikolu 209(7)).

SUĠĠERIMENTI

1. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) peress li toffri rispons għan-nuqqasijiet urġenti tal-Intestatura 6, il-Viċinat u d-Dinja li mhijiex iffinanzjata biżżejjed, fid-dawl tal-isfidi globali attwali u mhux previsti; jilqa' ż-żieda fir-riżerva kważi eżawrita tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-GE) u għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR), li parzjalment twieġeb għat-talba tal-Parlament biex ir-riżorsi jiġu allinjati mal-ambizzjonijiet tal-UE sabiex ikun hemm rispons adegwat għall-isfidi globali u l-kriżijiet attwali, iżda jesprimi dubju dwar jekk l-ammonti humiex se jkunu biżżejjed; jemma, għalhekk, li din iż-żieda fl-Intestatura 6 għandha titqies bħala minimu u li hija meħtieġa għal azzjoni esterna effettiva tal-UE, it-twettiq tal-impenji tal-SDGs u sabiex l-UE tibqa' mexxej globali fil-qasam tal-assistenza umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'mod partikolari minħabba l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għas-sigurtà tal-ikel fin-Nofsinhar Globali;
2. Ihegġegħ lill-Kunsill jaqbel maż-żieda proposta fil-limitu massimu tal-Intestatura 6 inkluż iż-żieda tas-SEAR u biex jagħmel dan fil-ħin biex l-impatt jinħass fuq il-baġit tal-2024 u jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw l-impenn li jallokaw 0.7 % tal-introjtu nazzjonali gross tagħhom għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA);
3. Ifakkar li l-miri u l-oġettivi stabbiliti fir-Regolament NDICI-GE jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni esterna tal-UE u jenfasizza li l-appropriazzjonijiet il-ġodda fl-ambitu tar-reviżjoni tal-QFP għandhom jintefqu filwaqt li jiġu rispettati dawn il-miri u f'konformità mar-Regolament; jinnota b'attenzjoni partikolari li l-migrazzjoni hija ppreżentata bħala l-aktar mutur b'saħħtu wara r-reviżjoni tal-Intestatura 6 u taż-żieda ta' 10,5 biljun u jfakkar lill-Kummissjoni li l-NDICI-GE jistabbilixxi, mingħajr preġudizzju għal ċirkostanzi mhux previsti, mira indikattiva ta' nfiq ta' 10 % tal-pakkett finanzjarju għal azzjonijiet li jappoġġjaw il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni u l-ispostament sfurzati fi ħdan l-oġettivi tal-Istrument; ifakkar li l-għajnuna għall-iżvilupp għandha tibqa' mingħajr kundizzjoni f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) dwar in-nuqqas ta' kundizzjonalità tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA); ifakkar li l-oġettiv prinċipali tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni għandu jkun it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar;
4. Jinnota li d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju globali qed tkompli tikber u li ż-żieda fil-baġit tas-SEAR b'EUR 2.5 biljun fl-ambitu tar-reviżjoni tal-QFP hija sempliċement soluzzjoni ad hoc li jeħtieġ li tkun akkumpanjata — fid-dawl tal-ħtiġijiet — minn żieda fil-baġit umanitarju fil-baġits annwali li ġejjin; ifakkar li żieda tas-SEAR mhijiex ugwali — la fl-ammont ta' appropriazzjonijiet għal kriżijiet esterni u lanqas fit-tnejn operattiva tal-fondi — għal żieda tal-istrument ta' għajnuna umanitarja (HAI); itenni t-talba, li saret fir-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022, dwar it-titjib tal-QFP 2021–2027, biex jizdedu l-appropriazzjonijiet annwali b'EUR 1 biljun (fi prezzijiet tal-2018) għal kull linja — interna u esterna — tas-SEAR; jenfasizza li l-istrument ta' għajnuna umanitarja (HAI) jrid jingħatalu ħafna aktar finanzjament fil-QFP li jmiss biex ikun allinjat mal-impenji tal-UE li tkun donatur umanitarju ewlieni;

jilqa', f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2023 dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju; jenfasizza wkoll li l-eliminazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament hija responsabbiltà globali u jtenni l-ħtieġa li jiġu involuti pajjiżi donaturi mhux tradizzjonali bi prospettivi ekonomiċi kbar u l-potenzjal tas-settur privat;

5. Itenni li l-NDICI-GE se jirrikjedi finanzjament addizzjonali fid-dawl tal-kunflitti u l-persjoni kontinwi mill-kriżi klimatika, li jirriżultaw f'nuqqas ta' sigurtà, żieda fl-ispostament, kriżijiet tal-ikel u tal-edukazzjoni u, f'dan ir-rigward, jinsisti li tiġi rispettata l-mira ta' nfiq ta' 30 % għall-klima stabbilita fir-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-linji baġitarji taħt l-Intestatura 6 li huma l-aktar popolari; jissottolinja li r-rispons tal-UE għall-ħtiġijiet immensi mistennija fl-Ukrajna ma jridx ikun għad-detriment ta' reġjuni ġeografiċi jew prijoritajiet tematiċi oħra u li l-finanzjament għall-ħtiġijiet umanitarji fl-Ukrajna li mhumiex koperti mill-Faċilità tal-UA ma għandux jiġġenera żbilanċi fil-finanzjament bejn il-kriżijiet; jisħaq ukoll li l-oġettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inkluż permezz tal-Istrateġija Global Gateway, għadu l-ilħuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jiżgura li r-riżorsi jiġu pprovduti fejn hemm l-akbar ħtieġa. Dan isir billi l-ewwel jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' dawk li għadhom l-aktar lura; jinsab imħasseb li l-użu kontinwu tar-riżerva għall-assistenza lill-Ukrajna jeżawrixxi l-biċċa l-kbira tagħha; jitlob li s-sussidji tar-rata tal-imgħax relatati mas-self tal-assistenza makrofinanzjarja (AMF) u l-proviżjonament tas-self 2022/2023 tal-BEI lill-Ukrajna mir-riżerva tal-NDICI-GE jiġu koperti taħt il-Faċilità futura tal-Ukrajna; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP għandha tqis kif xieraq il-kapaċità tal-UE li twettaq l-Inizjattiva Global Gateway.

7.9.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: **Opinjoni dwar l-emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 - (2023/0201R(APP))** Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni u fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023 iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dragoş Pîslaru

SUĠĠERIMENTI

- A. Billi l-kuntest kurrenti ta' inflazzjoni għolja u ta' diversi kriżijiet għamel pressjoni kbira fuq il-limiti massimi tal-QFP li għaddejnin, u naqqas il-marġni disponibbli biex jindirizzaw l-isfidi kurrenti u futuri tal-UE, biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE fit-tul u l-kapaċità tiegħu li jżomm livell suffiċjenti ta' investimenti fil-programmi u l-politiki tal-UE, inkluż fi prijoritajiet importanti bħat-tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali; billi dawn id-diversi kriżijiet qed jaffettwaw is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika fl-UE, fost l-oħrajn, is-swieq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-UE, u jirriskjaw li jkollhom impatt negattiv fuq it-tkabbir u l-impjiegi; billi l-baġit tal-UE jrid iwieġeb b'mod effettiv għall-ħtiġijiet li qed jevolvu u jappoġġahom fi kriżijiet, b'mod partikolari meta ż-żieda fl-inflazzjoni u ż-żidiet rapidi fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija madwar l-UE qed jaffettwaw il-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, u qed ikomplu jżidu l-inugwaljanzi u jaggravaw il-faqar; billi l-pagi mhumiex mistennija li jiżiedu malajr daqs l-inflazzjoni u għalhekk il-ħaddiema qed jitilfu l-kapaċità tal-akkwist u jistgħu jaraw il-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom imorru għall-agħar; billi dan se jagħmel ukoll pressjoni akbar fuq il-kapaċità tal-politika soċjali, kif ukoll fuq l-istabbilizzaturi awtomatiċi, bħall-iskemi nazzjonali tal-qgħad;
- B. Billi madwar 96,5 miljun Ewropew jew 21,9 % tal-popolazzjoni tal-UE bħalissa jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, b'24,7 % tat-tfal fl-UE li jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali; billi madwar 34 miljun Ewropew, jew kważi 6,9 % tal-popolazzjoni tal-UE, ma jistgħux jaffordjaw isaħħnu djarhom b'mod suffiċjenti, skont stħarriġ tal-2021 madwar l-Unjoni kollha¹; billi b'mod ġenerali, l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku stima li aktar minn 50 miljun unita domestika fl-UE jesperjenzaw faqar enerġetiku;
- C. billi l-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom l-għan li l-UE jkollha mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni tagħha bejn l-età ta' 20 u 64 sena f'impjieg, mill-inqas 60 % tal-adulti kollha fit-taħriġ kull sena u tnaqqis fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun, inklużi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla; billi l-pjan ta' azzjoni adotta wkoll sensiela ta' proposti sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet sal-2030; billi fil-kuntest kurrenti, l-ilhug ta' dawn il-miri qed isir aktar diffiċli, minħabba ż-żieda mbassra fil-faqar u l-qgħad; billi s-sistemi ta' protezzjoni soċjali qegħdin taħt pressjoni kbira biex itaffu l-impatt soċjali tal-kriżi, jagħtu appoġġ lir-refuġjati u jiżguraw kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti u aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità, bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni, għal kulħadd;
- D. billi forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati hija kruċjali biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali soċjalment ekwi u ġusti, u biex jissaħħu l-kompetittività sostenibbli u r-reżiljenza tal-Unjoni fid-dawl ta' xokkijiet esterni negattivi; billi ħiliet aktar adegwati u mqabbli aħjar jifih opportunitajiet ġodda u jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, fis-soċjetà u fid-demokrazija, biex jisfruttaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; billi s-Sena Ewropea tal-Ħiliet hija maħsuba,

¹ Premessa 13 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32023R0955&qid=1686746723482>

permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, biex tappoġġja t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-Unjoni u biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet esperjenzat minn 77 %² tal-kumpaniji madwar l-Unjoni, bl-għan li tagħti spinta lill-kompetittività tagħha u tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.

- E Billi l-programmi NextGenerationEU bħal ReactEU, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza żguraw irkupru ekonomikament u soċjalment sostenibbli, ġust, inklużiv u nondiskriminatorju; billi l-istrument Ewropew għall-appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad f'emerġenza (SURE) adottat mill-Kummissjoni kien suċċess; billi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) hija parti mir-rispons Ewropew għall-ħtieġa li tingħata spinta lill-investimenti f'teknoloġiji kritiċi u emerġenti fl-Ewropa, biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħaddiema u l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet, u għandha l-għan li ssaħħaħ is-sovranià u s-sigurtà Ewropej, issaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
1. Jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-baġit tal-UE fit-tweqqiq tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, inkluż is-suċċess tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, mhux l-inqas billi tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni remoti u r-reġjuni ultraperiferiċi, lis-setturi intensivi fl-enerġija u lill-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet sabiex dawn jiġu mħarrġa mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet tagħhom, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti; jenfasizza l-importanza ta' pagi adegwati u l-protezzjoni tas-sigurtà soċjali, standards għoljin tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u opportunitajiet bilanċjati tal-ġeneru, biex jinqered il-faqar, jitnaqqsu l-inugwaljanzi, u jitrawwem irkupru inklużiv u soċjalment ġust, sostenibbli u nondiskriminatorju; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi nazzjonali robusti ta' protezzjoni soċjali, skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar biex jiġu evitati l-konsegwenzi drastiċi tas-sensji u l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni għal persuni fil-bżonn; jirrikonoxxi l-importanza tal-promozzjoni tat-tkabbir, l-awtonomija strateġika u l-indipendenza enerġetika, filwaqt li jiġi pprovdut appoġġ qawwi, b'mod partikolari għall-ġenerazzjoni żagħżuġha, it-tfal, il-familji, il-ħaddiema u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jitrawwem żvilupp sostenibbli li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura u jiżgura l-koeżjoni u l-konverġenza soċjali 'l fuq; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli, bħal persuni fil-faqar jew fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li, fl-istess ħin, jiġu appoġġjati l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju billi jiġi żgurat li jibqgħu s-sinla tas-soċjetajiet tagħna u li jista' jkollhom biżżejjed opportunitajiet biex jikbru bil-ħsieb li titrawwem il-koeżjoni ekonomika u soċjali ġenerali; jisħaq ukoll fuq l-importanza li tiġi żgurata Unjoni Ewropea tas-Saħħa aktar robusta wara l-kriżi tal-COVID-19, jiġu promossi l-istat tad-dritt, il-valuri tal-UE u d-drittijiet fundamentali, jitrawmu opportunitajiet aħjar u ugwali għal kulħadd, u tiġi żgurata Unjoni aktar b'saħħitha għall-poplu tagħha u fid-dinja;
 2. Jinnota li l-kuntest ekonomiku u politiku nbidel minn mindu ġie nnegożjat il-QFP kurrenti; jisħaq li d-daqs u l-istruttura tal-QFP kurrenti kif miftiehem fl-2020 ma humiex adatti biex jirreaġixxu malajr u jindirizzaw l-isfidi l-ġodda u s-sitwazzjonijiet ta' kriżijiet futuri filwaqt li fl-istess ħin iżommu l-investimenti fil-programmi u l-politiki tal-UE u li s-sitwazzjoni taħt l-Intestatura 2b hija estremament inkwetanti minħabba

² https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/european-year-skills-2023_mt

marġni limitati ħafna u pressjoni kbira kkawżati minn inflazzjoni għolja; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ressqet proposta għal reviżjoni tal-QFP li tinkludi soluzzjoni sostenibbli għall-ħlas lura taż-żieda fl-ispejjeż tad-dejn ("l-Istrument EURI") li b'hekk tissalvagwardja l-programmi tan-NextGenerationEU kontra t-tnaqqis u toħloq spazju fi strumenti speċjali bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ReactEU, il-JTF u InvestEU; jemmen madankollu li din il-proposta ma tilħaqx l-ambizzjonijiet tal-UE u jtenni għalhekk it-talba tiegħu għal reviżjoni urġenti, komprensiva u ambizzjuża tal-QFP 2021-2027, b'baġit akbar u flus ġodda sabiex jiġu appoġġjati t-tkabbir u l-investment sostenibbli u jkunu jistgħu jiġu appoġġjati l-oġettivi strateġiċi tal-istrateġija Ewropa 2020, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-istrumenti previsti fil-leġislazzjoni l-għdida, bħall-Akkademji Ewropej b'Emissjonijiet Żero Netti taħt l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-inizjattivi stabbiliti fl-EPFR u fid-Dikjarazzjoni ta' Porto; jinsisti fuq il-ħtieġa li jinżammu riżorsi adegwati għall-koeżjoni, il-konverġenza ekonomika u soċjali u li jitwettqu politiki importanti bħat-tranżizzjonijiet ġusti, ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll li l-UE tkun tista' tindirizza sfidi ġodda fis-snin li ġejjin;

3. Iqis li jeħtieġ li jitqiesu għadd ta' kwistjonijiet fir-reviżjoni tal-QFP, jiġifieri l-importanza ta' aktar flessibilità u riżorsi suffiċjenti fil-QFP biex jiġu appoġġjati t-tkabbir sostenibbli u l-investment u jiġu indirizzati b'mod effettiv l-implikazzjonijiet soċjali u tas-suq tax-xogħol tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, speċjalment il-qgħad; ifakkar li l-programmi deċiżi taħt il-QFP kurrenti u l-pakketti tagħhom għandhom jiġu rispettati u jinsisti li l-prijoritajiet soċjali u l-investimenti soċjali għandhom jissaħħu fir-reviżjoni tal-QFP u tal-QFP ta' wara l-2027 biex tiġi żgurata dimensjoni soċjali b'saħħitha u ambizzjuża tal-baġit tal-UE;
4. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-fondi u l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, inklużi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u r-REpowerEU biex jiġi żgurat irkupru ekonomikament u soċjalment sostenibbli, ġust, inklużiv u nondiskriminatorju; jinsisti li l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) irid ikompli jkun il-mutur ewlieni għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; ifakkar li l-FSE+ huwa wkoll l-istrument ewlieni tal-UE biex tappoġġja lill-Istati Membri, lin-nies u lir-reġjuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjegi, li jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn pagi adegwati, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, ambjenti tax-xogħol sikuri u kopertura tas-sigurtà soċjali, sabiex tinbena protezzjoni soċjali ġusta u tiġi żviluppata forza tax-xogħol b'ħiliet, kompetittiva u reżiljenti li tkun lesta għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u d-dinja futura tax-xogħol, għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi bl-għan li jinqered il-faqar u biex jitwettqu l-prinċipji stabbiliti fl-EPFR; jitlob għalhekk baġit tal-FSE+ imsaħħaħ b'mod sinifikanti, b'mod partikolari għall-ifqar fis-soċjetà tagħna; jinnota l-importanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), ReactEU bir-riżorsi addizzjonali tiegħu għall-FSE+, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI), u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);
5. Jirrikonoxxi li l-FSE+ u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jridu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-EPFR billi jpoġġu l-prinċipji tiegħu fil-prattika u jintegraw l-oġettivi soċjali fil-leġislazzjoni, il-politiki u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni rilevanti kollha marbuta man-NextGenerationEU; jisħaq li għandhom jiġu allokatu riżorsi

adegwati biex jiġu aġġornati u implimentati l-pjan ta' azzjoni u l-miri tal-EPSR adottati f'Porto, jenfasizza li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellha rwol sinifikanti fil-mitigazzjoni tal-kriżi u għandha tkun eżempju li għandu jiġi segwit fil-każ ta' kriżijiet futuri u jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsir investment fis-sigurtà soċjali, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-impjiegi ta' kwalità, it-taħriġ ta' kwalità u s-servizzi soċjali għall-gruppi vulnerabbli; iqis li ammont sinifikanti tal-fondi għandu jiġi allokat għall-investimenti soċjali biex jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsir investment fis-sigurtà soċjali, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-impjiegi, il-ġustizzja u s-servizzi soċjali għall-gruppi vulnerabbli, jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiżgura persunal adegwat biex tappoġġja dan il-kompitu; jemmen li l-miri tal-faqar ta' Porto għandhom jiġu kkomplementati fil-livell tal-UE bi pjan ta' azzjoni u strateġija b'saħħitha kontra l-faqar appoġġjata minn investimenti sostanzjali li jindirizzaw l-aspetti kollha tal-faqar, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu;

6. Ifakkar li ż-żgħażaġh ġew affettwati b'mod partikolari minn diversi kriżijiet f'termini ta' impjieg, edukazzjoni, taħriġ u benesseri mentali; Jisħaq li l-QFP rivedut jeħtieġ li jipprijoritizza l-appoġġ għaż-żgħażaġh u l-miżuri biex jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġh u biex jissaħħu l-inizjattivi eżistenti, bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa;
7. Jenfasizza s-sitwazzjoni demografika fl-Unjoni li tirriżulta mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, tnaqqis fil-fertilità u stennija tal-għomor ogħla; jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir investment fl-infrastrutturi soċjali biex tiġi indirizzata l-isfida demografika; jisħaq fuq in-nuqqas ta' reazzjonijiet politiċi Ewropej u nazzjonali għall-impatt tat-tibdil demografiku; jilqa' l-istrateġija Ewropea għall-kura u jitlob li tiġi appoġġjata fi ħdan il-QFP u jitlob lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi strutturali u ta' investment Ewropej għall-investment fl-indukrar tat-tfal u l-kura għall-anzjani u oħrajn li jeħtieġu l-kura, permezz tal-FSE+, InvestEU u strumenti finanzjarji oħra li jinkoraġġixxu l-investment soċjali;
8. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Unjoni li żżid l-isforzi tagħha biex tiġġieled ir-rati allarmanti tal-faqar fost it-tfal u biex tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar fost it-tfal permezz tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal li nħolqot reċentement; iwissi, madankollu, li l-kriżijiet kurrenti aggravaw u se jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni kurrenti li qed tiddeterjora għat-tfal fil-faqar jew f'riskju ta' faqar, u se jkollhom konsegwenzi dejjiema; jinnota li, sa mill-ħolqien tagħha, l-Istati Membri diġà investew madwar EUR 9 biljun fil-Garanzija għat-Tfal; itenni t-talbiet tiegħu għal żieda urġenti fil-finanzjament għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 000 000 000 għall-perjodu 2021-2027 u jinsisti li din issir parti mill-QFP rivedut³; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi r-riżorsi disponibbli kollha għall-implimentazzjoni b'mod effettiv tal-Garanzija għat-Tfal, inklużi l-FSE+, ir-ReactEU, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minnhom; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE fl-

³ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0120_MT.html) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi ġodda (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0450_MT.html)

implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Garanzija għat-Tfal u tivvaluta u tintegra aħjar l-impatt tal-politiki tal-UE u dawk nazzjonali dwar is-sitwazzjoni tat-tfal;

9. Jissottolinja li l-flessibbiltà temporanja u fuq terminu qasir introdotta fil-fondi tal-politika ta' koeżjoni permezz tas-sensjela ta' proposti ta' Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) ipprovdiet għajnuna lill-Istati Membri biex jindirizzaw malajr l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna, għalkemm xorta waħda mhux biżżejjed għall-iskala tal-ħtieġa f'xi Stati Membri; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Faċilità ddedikata biex tappoġġja lill-Ukrajna għall-bqija tal-ipprogrammar tal-QFP biex jiġi żgurat finanzjament stabbli u prevedibbli taħt qafas li se jappoġġja l-istabbiltà finanzjarja tal-Ukrajna, jippromwovi l-irkupru u l-modernizzazzjoni tagħha filwaqt li jimplimenta riformi ewlenin fit-triq tal-adeżjoni tagħha;
10. Jemmen li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jiġi evitat il-qgħad u s-sottoimpjeg li jirriżultaw mill-gwerra, u jitlob it-tkomplija u l-finanzjament mill-ġdid ta' SURE biex jiġi appoġġjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ħaddiema li jkunu temporanjament issensjati, sakemm il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra jibqgħu jkollhom impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol; jitlob pakkett temporanju Ewropew ta' reżiljenza soċjali li jikkoordina sett ta' miżuri u mezzi biex jissaħħu s-sistemi tal-benesseri soċjali u tal-protezzjoni soċjali fl-UE; jisħaq li SURE wera li kien ta' suċċess fil-ġlieda kontra l-qgħad bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19;
11. Itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa arkitettura ta' governanza ekonomika fl-UE bbażata fuq il-flessibbiltà, is-solidarjetà, l-integrazzjoni, il-ġustizzja soċjali u l-konverġenza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, inklużja sistema ta' edukazzjoni pubblika ta' kwalità u inklużiva, l-impjiegi ta' kwalità u l-iżvilupp sostenibbli;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija xierqa għall-integrazzjoni tal-oġettivi soċjali fl-infiq tal-Unjoni; iqis li metodoloġija ta' integrazzjoni soċjali fil-baġit tal-Unjoni tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-politiki kollha ffinanzjati mill-Unjoni jkunu konformi mal-20 prinċipju definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u li l-infiq tal-Unjoni jikkontribwixxi għall-oġettivi soċjali Ewropej jew tal-inqas ma jaħdimx kontra dawk l-oġettivi; jitlob li jissaħħaħ l-involvement tas-sħab soċjali, u l-prinċipju tas-sħubija, fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-QFP f'termini tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, il-preservazzjoni tal-impjiegi, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, u t-tranżizzjoni ġusta;
13. Jinsab imħasseb li l-pagi bħalissa qed jonqsu minħabba l-inflazzjoni u sensjela ta' xokkijiet eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' żidiet fil-pagi sabiex tiġi sostnuta d-domanda interna u tkabbir inklużiv, u biex jitnaqqas l-impatt tal-kriżi doppja fuq il-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi; iqis li huma neċessarji sforzi addizzjonali fi ħdan il-baġit tal-UE u l-QFP biex tingħata għajnuna lis-sħab soċjali ħalli jiksbu żidiet fil-pagi permezz ta' oqfsa tripartitiċi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet, b'hekk jitħaffef l-impatt pożittiv mistenni tal-proposta għal direttiva dwar il-pagi minimi adegwati u l-implimentazzjoni malajr tagħha;
14. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta metodoloġija ta' traċċar għan-nefqa soċjali fil-baġit tal-UE bbażata fuq l-SDGs u l-prinċipji tal-EPFR, kif ukoll biex

tinkludi indikaturi tal-benesseri fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tkejjel l-impatt ġenerali ta' fondi, strumenti u faċilitajiet differenti ffinanzjati taħt il-QFP fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri⁴; jinsisti li r-regoli li jirregolaw l-użu tal-fondi tal-UE għandhom ikunu allinjati mad-drittijiet soċjali u l-prinċipji demokratiċi, l-EPSSR, l-SDGs u d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema; huwa tal-fehma li l-flus pubbliċi għandhom ikunu ta' benefiċċju għal dawk li jħaddmu filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli;

15. Jisħaq li l-FSE+ irid jipprovdi appoġġ adegwat għall-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali tal-UE, inkluż fil-forma ta' taħriġ, miżuri ta' networking u t-tiżni tad-djalogu soċjali, u għal attivitajiet imwettqa b'mod konġunt mis-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
16. Jilqa' t-tiżni ta' InvestEU, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond Ewropew għad-Difiża li huma mistennija jwasslu għal investimenti fit-teknoloġiji kritiċi koperti mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti bl-appoġġ ta' STEP; u biex tissaħħaħ is-sovranità strateġika miftuħa tal-Unjoni; jitlob, konsegwentement, baġit ta' mill-inqas EUR 102 000 000 għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-akkademji ta' ħiliet b'Emissjonijiet Żero Netti;
17. Ifakkar li l-aġenziji Eurofound, EU-OSHA, Cedefop, ETF u ELA għandhom rwol importanti biex jipprovdu lill-istituzzjonijiet u lill-pajjiżi tal-Unjoni b'għarfien speċjalizzat b'mod partikolari dwar l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali u li jeħtiġilhom jirċievu r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom li qed jevolvu;
18. Jenfasizza l-importanza tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023, inklużi azzjonijiet u politiki konkreti appoġġjati minn finanzjament adegwat mill-QFP biex jiġu żviluppatti aktar il-miżuri dwar l-impjiegi u l-intraprenditorija.

⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2023, Taqsima III – Kummissjoni (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0106_MT.pdf) u l-Opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għall-Kumitat għall-Baġits dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 - it-taqsimiet kollha (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/EMPL-AD-746942_MT.pdf)

20.7.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar rapport interim tal-Kumitat BUDG dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 (2023/0201R(APP))

Sur President,

Il-Kumitat għall-Baġits talab awtorizzazzjoni biex ifassal rapport interim skont l-Artikolu 105(5) tar-Regoli ta' Proċedura, bħala parti mill-ħidma preparatorja għall-proċedura ta' approvazzjoni dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027. Fis-27 ta' Ġunju 2023, il-Koordinaturi tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) iddeċidew li jikkontribwixxu għal dan ir-rapport b'opinjoni fil-forma ta' ittra. Il-Kumitat TRAN adotta l-opinjoni tiegħu matul il-laqgħa¹ tad-19 ta' Lulju 2023.

Il-Kumitat TRAN jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Karima Delli

Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Karima Delli (President), István Ujhelyi (Viċi President), Jens Gieseke (Viċi President), Jan-Christoph Oetjen (Viċi President), Magdalena Adamowicz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Sara Cerdas, Patricia Chagnon, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Jakop G. Dalunde, Anna Deparnay-Grünenberg, Lena Düpont, Gheorghe Falcă, Carlo Fidanza, Mario Furore, Michael Gahler, Maria Grapini, Svenja Hahn, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Bogusław Liberadzki, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Georg Mayer, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Denis Nesci, Ljudmila Novak, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Christine Schneider, Annalisa Tardino, Vera Tax, Barbara Thaler, Achille Variati, Petar Vitanov, Lucia Vuolo.

SUĠĠERIMENTI

- A. billi s-setturi tat-trasport u tat-turiżmu huma pedament tas-suq uniku tal-UE u jipprovdu konnettività u koeżjoni; billi dawn is-setturi jirrappreżentaw parti importanti mill-ekonomija tal-UE f'termini ta' PDG u impjiegi;
 - B. billi s-setturi tat-trasport u tat-turiżmu huma fost dawk li ntlaw l-agħar minn kriżijiet suċċessivi bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi t-trasport, b'mod partikolari, wera li huwa element essenzjali għall-Ukrajna;
 - C. billi s-settur tat-trasport irid jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-isforzi biex sal-2050, fl-Unjoni kollha, tintlaħaq in-newtralità klimatika u qed jiffaċċja sfidi strutturali relatati mal-politiki ta' dekarbonizzazzjoni u diġitalizzazzjoni;
 - D. billi, fil-kuntest ekonomiku attwali kkaratterizzat minn tkabbir ekonomiku mrażżan, livelli ta' inflazzjoni għoljin bla preċedent u rati tal-imgħax li qed jiżdiedu, l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport saru ferm aktar għaljin;
 - E. billi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) huwa strateġikament importanti għas-setturi li jiddependu fuq investimenti kontinwi fit-tul, bħas-settur tat-trasport; billi l-QFP attwali, li jirrifletti l-prijoritajiet tal-Unjoni fiż-żmien li fih ġie adottat fl-2020, għandu għaldaqstant jiġi rivedut b'mod li jippermetti lill-UE tissodisfa l-obbligi legali tagħha, tirrifletti r-realtà ġeopolitika u ekonomika attwali, kif ukoll tindirizza l-prijoritajiet politiċi l-ġodda;
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021–2027; jiddispijaċih, madankollu, li l-allokkazzjoni proposta tal-fondi tal-UE tonqos milli tindirizza l-ħtiġijiet tas-settur tat-trasport biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika, li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti (SSMS) kif ukoll mill-kuntest ġeopolitiku l-ġdid, u għandha l-għan li tipprovdi servizzi tat-trasport interkonnessi, sikuri, effiċjenti u affordabbli għaċ-ċittadini;
 2. Itenni r-rwol kruċjali li għandha l-FNE biex jitlesta n-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T); ifakkar li l-FNE ntużat biex issaħħaħ il-mobbiltà militari tal-UE u tappoġġja lill-Ukrajna, biex tipprovdi l-korsiji ta' solidarjetà tal-UE, u hija wkoll kruċjali biex tinkiseb konnettività aktar b'saħħitha mas-sħab strateġiċi tagħna f'pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-proġetti tat-trasport ġiet influwenzata b'mod negattiv mill-pressjonijiet inflazzjonarji attwali u mill-kundizzjonijiet ta' finanzjament sfavorevoli; jenfasizza li l-baġit tal-FNE II, fil-biċċa l-kbira tiegħu, s'issa intuża – dan juri l-utilità u l-valur miżjud tal-fond biex jitlestew proġetti ta' interess komuni tul it-TEN-T, u li l-Kummissjoni qed ikollha tirrifjuta madwar 75 % tal-proġetti li japplikaw għal finanzjament; iħeġġeġ, għalhekk, żieda sostanzjali u rapida tal-pakkett tal-FNE biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika eżistenti u ġodda kollha tagħha; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tħejji programm suċċessur ambizzjuż għall-FNE II għall-QFP wara l-2027, b'finanzjament imsaħħaħ;
 3. Jilqa' s-sejħiet tal-FNE mnedija għall-mobbiltà militari fl-2021–2022 għal total ta'

EUR 955 miljun, li ġew sottoskritti bis-sħiħ; jiddispjaċih, madankollu, li fil-futur, se jkun diffiċli li tiġi ffinanzjata kwalunkwe inizjattiva addizzjonali fil-qafas l-Intestatura 5 u għaldaqstant, jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Pjattaforma ta' Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") sabiex iżżid il-fondi taħt din l-intestatura; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi impenn ċar u iżżid b'mod suffiċjenti l-pakkett tal-mobbiltà militari sabiex iżżid l-investimenti ħalli n-network TEN-T jiġi adattat għall-użu doppju ċivili u tad-difiża u għal proġetti oħra;

4. Jitlob, għalhekk, li jiġu mobilizzati fondi ġodda kif ukoll fondi mhux użati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għall-FNE u li jiġu mmirati investimenti f'konnessjonijiet transfruntiera neqsin, fit-tneħħija tal-konġestjonijiet u fl-appoġġ għall-użu ta' fjuwils alternattivi; jenfasizza li kwalunkwe politika Ewropea ġdida jeħtieġ li tiġi b'baġit allokat ġdid u mhux b'ċaqliq ta' fondi fil-QFP attwali;
5. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (il-"Faċilità") bl-għan li taqdi kemm il-ħtiġijiet ta' rkupru fuq terminu qasir kif ukoll ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna fuq terminu medju; jinnota li wieħed mill-oġettivi tal-Faċilità huwa li terġa' tibni u timmodernizza l-infrastruttura li saritilha ħsara mill-gwerra, bħan-networks tat-trasport interni u transfruntiera; jirrimarka li l-Ukrajna u l-Moldova ġew assoċjati mal-FNE; jistenna li s-sinerġiji bejn il-Faċilità l-ġdida u l-FNE jiġu sfruttati bis-sħiħ kemm biex jappoġġjaw il-bini mill-ġdid tal-infrastruttura tat-trasport fl-Ukrajna kif ukoll biex itejbu l-konnettività transfruntiera bejn l-UE u l-Ukrajna u l-Moldova; jinsisti li l-baġit għall-FNE II u għall-FNE wara l-2027 jinkludi fondi addizzjonali adegwati biex dawn iż-żewġ pajjiżi jiġu integrati bis-sħiħ;
6. Jinnota li l-oġettiv ta' STEP huwa li ssaħħa u tisfrutta strumenti eżistenti tal-UE għall-benefiċċju ta' investimenti f'oqsma strateġiċi u teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investimenti fi proġetti tat-trasport strateġiċi, interkonnessi, sikuri, effiċjenti, sostenibbli u intelliġenti u fil-produzzjoni u l-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi madwar l-Unjoni;
7. Itenni li l-finanzjament għall-aġenziji Ewropej tat-trasport u l-impriżi konġunti jaqbel mal-livell ta' responsabbiltà tagħhom u jippermettilhom iwettqu l-kompiti u r-responsabbiltajiet ġodda tagħhom; jenfasizza li l-SSMS għandha miri speċifiċi għal bidla modali lejn il-ferroviji;
8. Jirrimarka l-ħtieġa importanti li tinżamm il-pożizzjoni tal-Ewropa bħala destinazzjoni ewlenija u tingħata spinta lill-industrija tat-turiżmu, speċjalment wara l-pandemija, filwaqt li ssir tranżizzjoni wkoll lejn sostenibbiltà akbar; itenni t-talba tiegħu għal mekkaniżmu għall-ġestjoni tal-kriżijiet biex jiġi żgurat li s-settur tat-turiżmu jkun imħejji b'mod adegwat għal kriżijiet futuri; jitlob finanzjament iddedikat tal-UE għat-turiżmu u tisħiħ sinifikanti tal-appoġġ għall-SMEs tat-turiżmu, li jiddominaw is-settur; itenni t-talba tiegħu biex titwaqqaf aġenzija Ewropea għat-turiżmu responsabbli biex tipprovdi appoġġ lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament u l-istrumenti finanzjarji tal-UE;
9. Jinsab konvint, abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li rieżami ġenwin tal-QFP attwali huwa

indispensabbli jekk l-Unjoni trid tikkonfronta b'mod effettiv l-isfidi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali filwaqt li tissodisfa l-aġenda ta' dekarbonizzazzjoni tagħha; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-QFP jiġi mogħni b'żieda sinifikanti ta' riżorsi biex jiżgura b'mod effettiv l-investimenti, jikseb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jippromwovi s-solidarjetà.

20.7.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar ir-rapport interim dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027. (COM(2023)0337 – 2023/0201(APP))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Lulju 2023. Matul din il-laqgħa¹, iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Younous Omarjee

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Younous Omarjee (President u rapporteur għal opinjoni), Isabel Benjumea Benjumea (Viċi President), Krzysztof Hetman (Viċi President), Nora Mebarek (Viċi President), François Alfonsi, Adrian-Dragoş Benea, Franc Bogovič, Vlad-Marius Botoş, Karolin Braunsberger-Reinhold, Carlos Coelho, Rosanna Conte, Corina Creţu, Rosa D'Amato, Christian Doleschal, Herbert Dorfmann, Matthias Ecke, Carlo Fidanza, Sandro Gozi, Mircea-Gheorghe Hava, Peter Jahr, Cristina Maestre Martín De Almagro, Martina Michels, Ana Miranda, Alin Mituţa, Dan-Ştefan Motreanu, Denis Nesci, Niklas Nienass, Andrey Novakov, Alessandro Panza, Caroline Roose, Marcos Ros Sempere, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret, Yana Toom, Stefania Zambelli, Carlo Fidanza (għall-ECR skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura)

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat REGI

1. Ifakkar li l-Politika ta' Koeżjoni u l-istrumenti finanzjarji tagħha kellhom rwol ċentrali fit-tweġiba tal-UE għall-biċċa l-kbira tal-isfidi mhux mistennija li ffaċċjat matul dawn l-aħħar snin, bħall-kriżi tal-COVID-19 u l-isfidi marbuta mal-influss ta' rifuġjati wara l-aggressjoni tar-Russja fuq l-Ukrajna, u dan juri l-adattabilità tal-politika u l-adeqwatezza tal-istrumenti tagħha biex twassal miżuri xierqa f'waqthom;
2. F'dan il-kuntest, jesprimi l-pożizzjoni soda tiegħu li l-mobilizzazzjoni tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni għal ħtiġijiet urġenti m'għandhiex taffettwa b'mod negattiv l-investimenti fit-tul ippjanati u li l-fondi kollha bbażati fuq l-Artikolu 175 tat-TFUE għandhom isegwu l-prinċipji u l-oġettivi stabbiliti mit-trattati nfushom; jemmaen li l-politika ta' koeżjoni ma għandha tgħaddi mill-ebda trasferiment għal fondi oħra li jista' jipperikola l-kapaċità tal-fondi ta' koeżjoni li jilhqgħu l-għanijiet tagħhom, u barra minn hekk, kif enfasizzat ukoll fit-Tmien Rapport ta' Koeżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-politiki u l-fondi tal-UE ma għandhom jagħmlu l-ebda ħsara lill-oġettivi ta' koeżjoni u, għall-kuntrarju, għandhom issaħħuom; Jemmaen li kwalunkwe oġettiv jew urġenza addizzjonali għandhom jiġu indirizzati b'mezzi finanzjarji addizzjonali;
3. Ifakkar li l-investimenti taħt il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni huma ta' importanza kruċjali f'termini tat-tnaqqis tad-disparitajiet territorjali u l-progress lejn koeżjoni territorjali kbira fl-UE, b'mod partikolari fil-kuntest ekonomiku, soċjali u politiku instabbli attwali; ifakkar li skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni, u li għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħall-gżejjer, ir-reġjuni ultraperiferiċi, transfruntiera u muntanjużi;
4. Jilqa' l-proposta li jiżdedu l-limiti massimi baġitarji għall-pagamenti għas-snin li fadal tal-QFP 2021–2027, imressqa fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP, u b'hekk ikun hemm spazju baġitarju għall-immanuvrar f'każ ta' ħtiġijiet mhux mistennija; jissottolinja, madankollu, l-importanza tal-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021–2027 u jisħaq fuq il-ħtieġa li dan il-proċess jitħaffef sabiex jiġi evitat aktar dewmien;
5. Jisħaq li huwa ċar li l-allokazzjonijiet taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ma kinux biżżejjed minħabba l-għadd u l-intensità tad-diżastri naturali; jinsisti fuq il-ħtieġa li tintwera solidarjetà tal-UE mar-reġjuni kkonċernati, u li tingħatalhom assistenza finanzjarja konkreta; jilqa' t-tisħiħ propost tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza sat-2,5BN iżda jemmaen li s-somma bbaġitjata tirriskja li ma tkunx biżżejjed u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-ħtiġijiet f'dan ir-rigward, bil-ħsieb li jiġi żgurat rispons adegwat tal-UE;
6. Ifakkar fit-talba tal-Parlament Ewropew¹ għal reviżjoni kbira tal-FSUE, immirata, fost l-oħrajn, lejn l-integrazzjoni tal-prinċipju “Nibnu mill-Ġdid Aħjar” biex tkun kompletament fl-Artikolu 3 tar-Regolament FSUE, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għat-

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2021 dwar ir-reviżjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (bil-President bħala rapporteur)

titjib tal-kwalità tal-infrastruttura ta' dawn ir-reġjuni matul ir-rikostruzzjoni u biex tippreparahom aħjar biex jiġu evitati diżastri futuri billi tinbena infrastruttura preventiva; ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ b'mod urġenti l-politika tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima;

7. Itenni l-appoġġ tal-Parlament Ewropew għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju inkluż ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
8. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni kompliet tiżviluppa metodoloġija² biex issegwi l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP 2021–2027, li tħares lejn it-tfassil tal-politika u l-allokazzjoni tar-riżorsi u b'mod partikolari l-preżentazzjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru *ex post* fuq livell aktar granulari u r-rappurtar dwar il-volumi; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-ġeneru b'mod olistiku u tiffaċilita li d-data rilevanti kollha tkun disponibbli għat-traċċar.

² https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/performance-and-reporting/horizontal-priorities/gender-equality-mainstreaming_mt

6.9.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt,
President Kumitat għall-Baġits
SCHOLL 05U012
BRUSSELL

IPOL-COM-AGRI D (2023) 29741

Suġġett: **Opinjoni dwar opinjoni informali rigward ir-rapport interim dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027**

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni fil-forma ta' ittra lill-Kumitat għall-Baġits. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Madankollu, minħabba l-limitu ta' żmien u l-impatt limitat li din ir-reviżjoni għandha fuq l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, [jekk jogħġbok irċeviha bħala ittra sempliċi u opinjoni informali li ġiet approvata permezz ta' proċedura bil-miktub mill-koordinaturi fi 2023].

Il-Kumitat AGRI jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u li waslet għall-istess konklużjonijiet li għamel il-Parlament fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' Diċembru 2022. F'dak ir-rigward, nixtieq intenni l-opinjoni tal-Kumitat AGRI fir-rigward tal-konsegwenzi negattivi tal-inflazzjoni, b'mod partikolari għall-bdiewa iżgħar u żgħażaġh, fit-tnaqqis tal-valur f'termini reali tal-pagamenti diretti u d-diffikultajiet ta' investiment fl-ambitu tal-fond għall-iżvilupp rurali.

Il-Kumitat AGRI jieħu nota kif xieraq anke tal-abbozz ta' rapport interim ippubblikat fl-20 ta' Lulju 2023, b'mod partikolari l-valutazzjoni ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni u r-rakkomandazzjonijiet u l-modifiki tagħha. Il-fondi għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali huma l-politika ewlenija affettwata mit-tnaqqis fil-valur f'termini reali ta' EUR 74 biljun tal-QFP matul il-perjodu ta' seba' snin. Għalhekk, il-Kumitat AGRI jistieden lill-Kumitat għall-Baġits jitlob lill-Kunsill iżid il-limiti massimi tal-Intestatura 3 biex jirrimedja dan it-telf fi proporzjon xieraq u sabiex jagħti sinjal ċar ta' appoġġ għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni, għall-implimentazzjoni ġusta tal-politika agrikola komuni u għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Infakkru wkoll il-fatt li r-riżerva agrikola ntużat bis-sħiħ, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati d-disturbi tas-swieq li seħħew wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Il-Kumitat AGRI jilqa' l-proposta li tistabbilixxi l-faċilità għall-Ukrajna li għaliha aħna ġejna mitluba nippreżentaw opinjoni fi żmien xieraq.

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għalhekk jistieden lill-Kumitat għall-Baġits biex jipproponi li l-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu filwaqt li jqis ir-riflessjonijiet hawn fuq imsemmija.

Dejjem tiegħek,

Norbert Lins

18.7.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar ir-rapport interim tal-Kumitat BUDG dwar il-“Proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027”(COM(2023)0337 – C9-XXXX – 2023/0201R(APP)

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Huwa adotta l-opinjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju¹.

Dejjem tiegħek,

Sabine Verheyen

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Sabine Verheyen (President u rapporteur għal opinjoni), Michaela Šojdrová (Viċi President), Kizilyürek Niyazi, Dzhambazki Angel, Rookan Rob, Tarabella Marc, Ademov Asim, Adinolfi Isabella, Frankowski Tomasz, Pollák Peter, Zagorakis Theodoros, Zver Milan, Cicurel Ilana, Farreng Laurence, Joveva Irena, García Del Blanco Ibán, Guillaume Sylvie, Heide Hannes, Kammerevert Petra, Matic Predrag Fred, Ros Sempere Marcos, Smeriglio Massimiliano, Michels Martina, Franz Romeo, Marquardt Erik, Nienass Niklas, Anderson Chistine, Bocskor Andrea.

Sur Van Overtveldt,

Qed niktiblek fir-rigward tar-rapport interim tal-Kumitat BUDG dwar ir-reviżjoni QFP immirata proposta, abbozzata skont l-Artikolu 105(5) tar-Regoli ta' Proċedura, bħala parti mill-ħidma preparatorja għall-proċedura ta' approvazzjoni dwar il-*Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027*) – 2023/0337.

Minħabba r-restrizzjonijiet serji ta' ħin imposti fuq il-Kumitati l-oħra, ma kienx possibbli li tiġi abbozzata opinjoni formali tal-Kumitat CULT. Minflok, fil-laqgħa tagħhom tat-28 ta' Ġunju, il-Koordinaturi tal-Kumitat CULT għażlu li joħroġu opinjoni fil-forma ta' ittra li tiddekrivi l-pożizzjoni ġenerali tal-Kumitat dwar is-suġġett inkwistjoni, b'mod partikolari dwar il-ħolqien ta' Strument Speċjali ġdid biex jittratta l-impatt tal-kostijiet tas-self dejjem jiżdiedu relatati mal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) fuq il-baġit tal-UE u l-intestatura 2b tiegħu.

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq li avvenimenti globali kbar mhux previsti mill-adozzjoni tar-Regolament QFP 2021–2027 fl-2020, b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, poġġew pressjoni konsiderevoli fuq il-baġit tal-UE minħabba nefqa ta' kontinġenza addizzjonali marbuta ma' miżuri ta' rispons adottati fil-livell tal-UE, kif ukoll rati tal-imgħax u inflazzjoni li qed jiżdiedu, u b'hekk il-baġit tal-UE ta' bħalissa ma huwiex adattat għall-iskop tiegħu;
2. Jinsab estremament imħasseb dwar il-fatt li, b'riżultat ta' dan u tad-deċizzjoni sfortunata li jiġu inklużi l-ispejjeż ta' finanzjament tan-NextGenerationEU intrinsikament imprevedibbli u mhux diskrezzjonali fl-Intestatura 2b, il-marġni ta' din l-Intestatura diġà qed juri li mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet ta' nfiq reali fis-snin li ġejjin, u f'każ li r-Regolament QFP fil-forma attwali tiegħu ma jiġix emendat ikun hemm marġni negattiv potenzjali ta' EUR 1.708,2 miljun diġà fl-2024; jenfasizza li dan effettivament ineħħi kwalunkwe flessibbiltà biex jiżdiedu l-pakketti baġitarji ta' programmi eżistenti ta' suċċess fl-Intestatura 2b fejn l-infiq addizzjonali huwa ġġustifikat, bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, u *de facto* jipprekludi kwalunkwe inizjattiva ġdida u proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji siewja li jittestjaw approċċi innovattivi f'oqsma fejn il-leġiżlazzjoni tal-UE għadha ma teżistix;
3. Jirrimarka li l-baġit tal-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva diġà ġie parzjalment antiċipat għall-ewwel snin tal-QFP attwali, sabiex jiġu appoġġjati dawk li qed jaħarbu mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna u biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni diffiċli fis-setturi kulturali u kreattivi wara l-kriżi tal-COVID-19, li jista' jkollha impatt fuq dawk il-programmi fi tmiem il-QFP attwali;
4. Jilqa' l-ħolqien propost ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà speċifiku fil-forma ta'

“Strument EURI” tematiku speċjali bi spiża totali stmata ta’ EUR 18,9-biljun, lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, sa tmiem il-QFP, għall-iskop uniku li jiġu koperti l-ispejjeż ta’ finanzjament tan-NextGenerationEU li jaqbu l-valuri ta’ limitu speċifiċi stabbiliti fir-Regolament dwar il-QFP emendat;

5. Jissottolinja li l-ħolqien ta’ Strument EURI jikkontribwixxi biex tiġi ssalvagwardjata n-nefqa fuq il-programmi ewlenin kollha tal-UE fl-Intestatura 2b bħal Erasmus+ u azzjonijiet ta’ prijorità fl-oqsma tal-kooperazzjoni kulturali, il-mobilità edukattiva, l-iskambji taż-żgħażaġh u l-volontarjat, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-bini tad-demokrazija;
6. Jitlob reviżjoni aktar estensiva tal-QFP biex jiġi żgurat li inizjattivi ġodda taħt l-Intestatura 2b, bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB), ma jkollhomx impatt fuq il-finanzjament ta’ programmi oħra li diġà mhumiex iffinanzjati biżżejjed; jissottolinja li n-NEB għandha tkun appoġġjata wkoll minn programmi rilevanti oħra sabiex jiġi ġġenerat impatt addizzjonali; f’dan il-kuntest, itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex temenda r-Regolament dwar Orizzont Ewropa matul ir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-QFP sabiex tinholq missjoni NEB iffinanzjata b’EUR 500 miljun; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex in-NEB issir programm awtonomu ġdid tal-UE sal-QFP li jmiss b’riżorsi ġodda u linja baġitarja ddedikata;
7. Iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta mingħajr dewmien ir-reviżjoni tal-QFP inkluż il-ħolqien tal-Istrument EURI kif propost mill-Kummissjoni Ewropea; huwa tal-fehma li l-Istrument EURI jirrappreżenta soluzzjoni sostenibbli għall-isfidi baġitarji li jirriżultaw mill-inklużjoni tal-kost ta’ finanzjament tal-EURI fl-Intestatura 2b u taħt il-limitu massimu tal-QFP attwali, minkejja t-talbiet ripetuti tal-Parlament biex tiġi inkluża n-nefqa biex tkopri l-kost tiegħu lil hinn mil-limitu massimu; jinnota li l-mobilizzazzjoni tal-Istrument EURI ssir f’konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 u fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, b’rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja.

Nittamaw u nemmnu li l-Kumitat BUDG se jinkludi dawn l-elementi fir-rapport interim tiegħu u jżommhom f’moħħu fid-deliberazzjonijiet futuri tiegħu mal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni proposta, kif ukoll fil-proċedura baġitarja annwali għall-2024.

Grazzi bil-quddiem tal-kunsiderazzjoni tiegħek, u nixtieqlek kull suċċess għal dan it-tentattiv kruċjali.

Dejjem tiegħek,

Sabine Verheyen

18.7.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar ir-Rapport interim dwar ir-Regolament Emendatorju (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (2023/0201R(APP))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tagħhom tad-29 ta' Ġunju 2023, il-Koordinaturi tal-Kumitat LIBE ddeċidew li jibagħtu din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023. Matul dik il-laqgħa¹, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fir-rapport interim tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Juan Fernando López Aguilar

SUĖĠERIMENTI

1. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li żżid il-limitu massimu tal-Intestatura 4 biex tirrifletti l-ħtieġa għal żieda fil-finanzjament biex tkopri l-adozzjoni mixtieqa tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jirrimarka li n-negozjati bejn il-koleġiżlaturi għadhom għaddejnin u jinsisti li l-mandati kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill għandhom jitqiesu meta jiġi rivedut il-limitu massimu; jilqa' wkoll iż-żieda bħala rispons għall-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-gwerra kontra l-Ukrajna u d-deċiżjoni sussegwenti li tiskatta d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, li poġġiet pressjoni

partikolari fuq il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u li kważi ċertament se tirrikjedi aktar twaqqif tal-integrazzjoni fis-snin li ġejjin; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li r-riżorsi finanzjarji jiġu allokatu biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' solidarjetà sinifikanti permezz tal-mekkaniżmi ta' solidarjetà proposti fil-mandati ta' negozjar tal-Parlament Ewropew.

2. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fil-limiti massimi tal-Intestatura 6, riflessa fil-proposta tal-Kummissjoni, li tirriżulta minn sitwazzjoni li qed tiddeterjora dejjem aktar f'ħafna pajjiżi ġirien u lil hinn minnha bħala riżultat ta' diversi kriżijiet ta' natura globali, filwaqt li jisħaq li rispons għall-kriżijiet imsaħħa huwa essenzjali minħabba d-diversi sfidi globali; jenfasizza li l-appoġġ għall-Ukrajna ma jridx iwassal biex il-flus jiġu ddevjati minn reġjuni jew prijoritajiet tematiċi oħra, u għalhekk għal finanzjament imsaħħa għall-għajnuna umanitarja (HUMA);
3. Jisħaq li finanzjament addizzjonali għall-Intestatura 6 biex jappoġġja l-ġestjoni tal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi ma għandux jirfed approċċ li jagħmel l-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni; ifakkar li r-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali jirrikjedi kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kemm jekk permezz ta' sħubijiet dwar il-migrazzjoni kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni bilaterali, li għandha tiġi implimentata b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali dwar ir-rifuġjati;
4. Jilqa' l-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, speċifikament il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna; ifakkar fir-rigward tal-proposta STEP li kwalunkwe data personali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa taħt il-Pjattaforma STEP trid tinġabar u tiġi pproċessata b'rispett sħiħ għad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għall-privatezza;

Membri li vvutaw:

Juan Fernando López Aguilar, (President/Rappreżentant), Pietro Bartolo (VP 2), Emil Radev (VP 4), Adamowicz Magdalena, Al-Sahlani Abir, Ansip Andrus, Arvanitis Konstantinos, Barley Katarina, Biedroń Robert, Bielowski Theresa, Bilčík Vladimír, Blaga Vasile, Boeselager Damian, Braunsberger-Reinhold Karolin, Bricmont Saskia, Chagnon Patricia, Daly Clare, Delbos-Corfield Gwendoline, Dupont Lena, Fest, Nicolaus, Grapini Maria,

Guillaume Sylvie, Gusmão José, Incir Evin, in't Veld Sophia, Jaki Patryk, Kanko Assita, Keller Fabienne, Körner Moritz, Kuhnke Alice, Nemeč Matjaž, Morano Nadine, Oetjen Jan-Christoph, Olbrycht Jan, Papadakis Kostas, Rangel Paulo, Sagartz Christian, Santos Isabel, Sippel Birgit, Terheš Cristian, Strik Tineke, Strugariu Ramona, Tardino Annalisa, Toom Yana, Urbán Crespo Miguel, Yoncheva Elena, Zarzalejos Javier

19.7.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (2023/0201R(APP))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023. Matul dik il-laqgħa¹, iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Salvatore De Meo

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Salvatore De Meo (President u rapporteur għal opinjoni), Gunnar Beck, Marek Belka, Vladimír Bilčík, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Gheorghe Falcă, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Othmar Karas, Zdzisław Krasnodębski, Jaak Madison, Alin Mituța, Niklas Nienass, Max Orville, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Nacho Sánchez Amor, László Trócsányi, Guy Verhofstadt.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali:

1. Ifakkar li, skont l-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU), “l-Unjoni għandha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tikseb l-għanijiet tagħha u twettaq b’suċċess il-politika tagħha”; jissottolinja l-importanza, għalhekk, ta’ baġit adegwat tal-UE għas-servizz taċ-ċittadini tal-UE; jinsisti fuq il-ħtieġa li jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont tal-baġit;
2. Ifakkar li l-Parlament kien talab reviżjoni komprensiva tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), wara l-emerġenza f’daqqa ta’ kriżijiet serji madwar l-Ewropa kollha, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tas-sigurtà u ekonomiċi tagħhom, li ttestjaw il-QFP u sfidaw il-flessibbiltà tiegħu sal-punt fejn mhuwiex mgħammar f’termini ta’ daqs jew struttura biex jirrispondi għal ċirkostanzi mhux previsti, ħtiġijiet emerġenti jew ambizzjonijiet ta’ politika kondiviżi attwali tal-UE; jilqa’ għaldaqstant il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni dwar reviżjoni mmirata tal-QFP bħala pass lejn l-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-QFP;
3. Jissottolinja r-rwol demokratiku essenzjali tal-Parlament Ewropew fit-tnejn, ir-rieżami u l-iskrutinju tal-QFP; ifakkar li r-reviżjoni tal-QFP trid tiġi implimentata f’konformità mal-prinċipju ta’ kooperazzjoni sinċiera reċiproka, kif stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
4. Jisħaq f’dan il-kuntest fuq l-importanza li l-Kummissjoni tmexxi d-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill kif xieraq f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji ta’ baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji godda¹, sabiex jiġi ffaċilitat il-progress rapidu fir-reviżjoni tal-QFP u proċess ta’ djalogu effiċjenti;
5. Ifakkar li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tennet is-sejħa tal-Parlament biex il-baġit tal-Unjoni jissaħħaħ permezz ta’ riżorsi proprji godda² u li l-Parlament Ewropew għandu jiddeċiedi dwar il-baġit tal-Unjoni peress li huwa d-dritt tal-parlamenti fil-livell nazzjonali³; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ l-involvement tal-Parlament Ewropew f’dan il-proċess fi ħdan qafas legali ċar; itenni li dawn il-proposti għandhom jiġu esplorati mill-konvenzjoni dwar ir-reviżjoni tat-trattati, inkluża l-possibbiltà li għall-adozzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja;
6. Itenni l-appell tiegħu biex tiġi attivata l-klawsola “passerelle” prevista fl-Artikolu 312(2) tat-TFUE ħalli l-Kunsill jitħalla jadotta r-Regolament dwar il-QFP b’maġġoranza kwalifikata; ifakkar fil-proposti tiegħu li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tiġi applikata għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP;
7. Ifakkar li kien esiġa l-allinjament tal-perjodu tal-QFP mad-durata tal-leġiżlatura

¹ ĠU L 433L.

² Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, proposta 16.

³ Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, proposta 39.4, it-tielet inċiż.

parlamentari u mal-mandat tal-Kummissjoni; jiddispjaċih li din il-kwistjoni għadha ma ġietx indirizzata; jitlob għaldaqstant li l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiġi emendat skont dan.

30.8.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar rapport interim tal-Kumitat BUDG dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 (2023/0201R(APP))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Permezz ta' proċedura bil-miktub tat-13 ta' Lulju 2023, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Awwissu 2023¹. Matul dik il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fir-rapport interim tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Robert Biedroń

SUĖĖRIMENTI

- A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi huma valuri ewlenin li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, u billi l-impenn li jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħha huwa

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Robert Biedroń (President), Andżelika Anna Możdżanowska, Isabella Adinolfi, Maria da Graça Carvalho, Rosa Estaràs Ferragut, Arba Kokalari, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Aušra Maldeikienė, Sirpa Pietikäinen, Christine Schneider, Pernille Weiss, Karen Melchior, María Soraya Rodríguez Ramos, Irène Tolleret, Heléne Fritzon, Predrag Fred Matić, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Vera Tax, Kira Marie Peter-Hansen, Sylwia Spurek (Viċi President), Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión, Christine Anderson, Annika Bruna, Sandra Pereira

minqux fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

- B. billi l-Parlament ripetutament ħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-użu tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, u l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni;
- C. billi l-baġits qatt ma huma newtrali għall-ġeneru u għalhekk jeħtieġ li mill-bidu nett, jitfasslu bl-għan tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi d-data tindika li kull kriżi għandha effett sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, kif jidher fil-kriżijiet li għaddejjin bħalissa u li qed tiffaċċja l-Unjoni; u billi l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID jeżiġu rispons sensitiv għall-ġeneru;
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021–2027; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi indirizzat l-impatt finanzjarju tal-konsegwenzi tal-gwerra tar-Russja fuq l-Ukrajna u tal-kriżi tal-COVID; jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni m'għandux jikkontribwixxi għall-inugwaljanzi bejn il-ġeneri jew biex iżid il-mibegħda, u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-missjoni ewlenija ta' dawk li jingħatawllhom il-fondi tal-Unjoni u żżomm milli tagħti l-finanzjament lill-atturi li jfittxu li jużaw il-fondi tal-Unjoni għall-finijiet ta' rigress tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tippreżenta opportunità biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-approċċ tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru li għandhom jitqiesu bħala parti integrali mill-proċess finanzjarju, li jippermetti li l-fondi jiġu allokatu bl-aktar mod effiċjenti;
 2. Jilqa' t-tennija tal-impenn għall-metodoloġija l-għdida ta' traċċar tan-nefqa għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni pilota ta' dawk l-oġettivi mill-2023; jenfasizza li l-maġġoranza tal-programmi bħalissa huma vvalutati bħala li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jikkorrispondu għall-maġġoranza tal-finanzjament (punteġġ ta' 0 *, 73 % tal-baġit), meta mqabbla ma' dawk li fil-fatt jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew bħala oġettiv primarju (punteġġ ta' 2, 2 % tal-baġit) jew bħala oġettiv importanti (punteġġ ta' 1, 9 % tal-baġit)²; jenfasizza l-importanza ta' rieżamijiet effettivi u sensitivi għall-ġeneru tal-programmi u l-infiq kollha li jippermettu li jsiru aġġustamenti meta u fejn meħtieġ, f'konformità mar-Rapport Speċjali 10/2021 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE³;
 3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament għal-linji baġitarji u l-programmi fejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija oġettiv primarju jew importanti, bħall-Fergħa Daphne, bil-għan li tiġġieled kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-fergħa tal-ugwaljanza, id-drittijiet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, il-Programm l-UE għas-Saħħa, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-programmi ta' azzjoni esterna bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali u l-Inizjattiva

² https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/performance-and-reporting/horizontal-priorities/gender-equality-mainstreaming_en
https://commission.europa.eu/system/files/2023-06/SWD_2023_336_1_EN_autre_document_travail_service_part1_v4.pdf, p48

³ <https://www.eca.europa.eu/mt/publications?did=58678>

Spotlight tan-NU;

4. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex tiżgura li l-Istitut ikollu biżżejjed riżorsi biex iwettaq il-mandat tiegħu, inkluż l-għoti ta' assistenza teknika lill-Istati Membri, fid-dawl tal-urġenza li qed tiżdied u t-talba għall-appoġġ tekniku tiegħu għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;
5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-attakki fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, fi ħdan l-Unjoni u jitlob li jiġi allokati finanzjament biex jiġu indirizzati tali rigressjoni u diżinformazzjoni, kif ukoll biex jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipproteġu d-drittijiet tan-nisa, inklużi dawk li jiffaċilitaw l-aċċess għal abort sikur u legali permezz ta' servizzi transfruntiera, li jggarantixxu d-dritt fundamentali tan-nisa li jkollhom kontroll fuq ġisimhom;
6. Jinsisti li n-nisa u l-irġiel għandhom jibbenefikaw b'mod ugwali mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari bl-oġġettiv li titnaqqas id-differenza eżistenti bejn il-ġeneri fil-paġi tal-Unjoni ta' 13 %.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Rapport interim dwar il-proposta għal revizzjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027			
Referenzi	2023/0201R(APP)			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 14.9.2023			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 14.9.2023	DEVE 14.9.2023	INTA 14.9.2023	CONT 14.9.2023
	ECON 14.9.2023	EMPL 14.9.2023	ENVI 14.9.2023	ITRE 14.9.2023
	IMCO 14.9.2023	TRAN 14.9.2023	REGI 14.9.2023	AGRI 14.9.2023
	PECH 14.9.2023	CULT 14.9.2023	JURI 14.9.2023	LIBE 14.9.2023
	AFCO 14.9.2023	FEMM 14.9.2023	PETI 14.9.2023	
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	AFET 18.7.2023	INTA 19.7.2023	CONT 11.7.2023	ECON 19.7.2023
	ENVI 28.6.2023	ITRE 28.6.2023	IMCO 28.6.2023	PECH 4.9.2023
	JURI 18.9.2023	PETI 28.2.2023		
Rapporteurs Data tal-ħatra	Jan Olbrycht 28.6.2023	Margarida Marques 28.6.2023		
Eżami fil-kumitat	30.8.2023			
Data tal-adozzjoni	20.9.2023			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	23 3 3		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Pietro Bartolo, Olivier Chastel, David Cormand, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Margarida Marques, Victor Negrescu, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Martin Hojsík, Jan Olbrycht, Grzegorz Tobiszowski			
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Estrella Durá Ferrandis, Daniel Freund, Ralf Seekatz			
Data tat-tressiq	22.9.2023			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

23	+
PPE	Asim Ademov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Monika Hohlmeier, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Ralf Seekatz, Eleni Stavrou
Renew	Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Martin Hojsík, Nils Torvalds
S&D	Pietro Bartolo, Estrella Durá Ferrandis, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Rasmus Andresen, David Cormand, Daniel Freund, Alexandra Geese

3	-
ECR	Bogdan Rzońca, Grzegorz Tobiszowski
ID	Joachim Kuhs

3	0
Renew	Moritz Körner
S&D	Eero Heinäluoma
The Left	Dimitrios Papadimoulis

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni